



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.9.2019
COM(2019) 415 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-attivitajiet tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni fl-2017 u l-
2018**

SOMMARJU EŻEKUTTIV

L-Ewropa turi solidarjetà ma' dawk li l-aktar għandhom bżonnha. Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG) twaqqaf fl-2007 biex jappoġġja l-ħaddiema li jtilfu l-impjiegi tagħhom bħala riżultat tal-globalizzazzjoni u xejriet kummerċjali li qed jinbidlu. Il-fond ġie adattat aktar biex jappoġġja sensji li jirriżultaw mill-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. L-għan ewlieni tal-fond huwa li jappoġġja l-ħaddiema ssensjati li jesperjenzaw diffikultà fi tranżizzjonijiet diffiċli, billi jgħinhom jadattaw il-ħiliet tagħhom u jsibu impjiegi ġodda. Il-miżuri jinkludu assistenza u gwida personalizzata fit-tfittxija għal xogħol, varjetà ta' taħriġ vokazzjonali u bini ta' ħiliet, appoġġ għall-intraprenditorija u l-ħolqien tan-negozju kif ukoll inċentivi u benefiċċji finanzjarji temporanji. Il-FEG jista' jintuża wkoll speċifikament biex jgħin liż-żgħażaġh. F'reġjuni fejn hemm livell għoli ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, il-FEG jipprovdi appoġġ għaż-żgħażaġh li jinsabu barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (in-NEETs). Il-FEG jikkofinanzja sa 60 % tal-ispejjeż tal-miżuri proposti mill-Istati Membri li jressqu applikazzjonijiet għal appoġġ tal-FEG.

Dan ir-Rapport jipprovdi ħarsa ġenerali tal-attivitajiet u r-riżultati tal-FEG fl-2017 u l-2018.

- Matul dan il-perjodu tressqu 13-il applikazzjoni minn 10 Stati Membri għal total ta' EUR 41 miljun, li jimmiraw 12 896 ħaddiem u 1 155 żaġżuġh li jinsabu barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ. L-akbar numru ta' ħaddiema kien fis-settur tal-makkinarju/tagħmir segwit min-negozju bl-immnut u t-trasport bl-ajru.
- Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw 15-il deċiżjoni¹ biex jimmobilizzaw il-finanzjament mill-FEG għal ammont totali ta' EUR 45.5 miljun biex jiġu appoġġjati 14 517-il benefiċjarju.
- L-Istati Membri rrapportaw lura dwar 23 każ tal-FEG li ġew adottati bejn l-2014 u l-2016. Ir-riżultati juru żieda meta mqabbel mal-2015-2016 u wrew li 60 % tal-ħaddiema li pparteċipaw fil-miżuri kienu sabu impjiegi ġodda sal-aħħar tal-perjodu ta' implimentazzjoni. Fl-2015-2016, 47 % biss tal-ħaddiema meġġuna kienu sabu impjiegi ġodda. Fil-każijiet li ġejjin ġew osservati rati ta' riintegrazzjoni partikolarment għoljin: Volvo Trucks (l-Iżvezja) 84 %, Broadcom (il-Finlandja) 84 %, Aleo Solar (il-Ġermanja) 81 %, u PWA International (l-Irlanda) 79 %.

Fil-proposta tagħha għall-FEG wara l-2020², il-Kummissjoni pproponiet li tespandi l-użu tagħha sabiex tkun tista' tintervjeni b'mod aktar effettiv biex tappoġġja aktar ħaddiema li tilfu xogħolhom. Bħala riżultat, il-FEG ser joffri appoġġ lill-ħaddiema mhux biss fil-każ ta' tibdil strutturali kbir fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni u kriżi finanzjarja u ekonomika globali, iżda wkoll minħabba raġunijiet oħra bħall-awtomatizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni jew it-tranżizzjoni għal ekonomija baxxa fl-emissjonijiet tal-karbonju. Dan iqis l-isfidi ġodda tad-dinja tax-xogħol dejjem tevolvi.

¹Inkluzi żewġ applikazzjonijiet imressqa fl-2016.

²Komunikazzjoni: "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi", COM(2018) 321 disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2018%3A321%3AFIN>

WERREJ

| | | |
|---|-------|----|
| 1. | | |
| Introduzzjoni | | 3 |
| 2. Analiżi tal-attivitajiet tal-FEG fl-2017 u l-2018 | | 3 |
| 2.1. Applikazzjonijiet imressqa | | 3 |
| 2.1.1. Applikazzjonijiet imressqa minħabba sensji u kriterju ta' intervent | | 5 |
| 2.1.2. Applikazzjonijiet imressqa skont is-settur (NACE Rev. 2) | | 5 |
| 2.1.3. Applikazzjonijiet imressqa skont in-numru ta' benefiċjarji fil-mira għal kull Stat Membru | | 6 |
| 2.1.4. Applikazzjonijiet imressqa skont l-ammont mitlub | | 7 |
| 2.1.5. Applikazzjonijiet imressqa skont l-ammont mitlub għal kull benefiċjarju | | 8 |
| 2.2. Deċiżjonijiet adottati u kontribuzzjonijiet mogħtija | | 9 |
| 2.2.1. Azzjonijiet iffinanzjati bl-assistenza mill-FEG | | 14 |
| 2.2.2. Il-komplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew (l-FSE) | | 14 |
| 2.3. Applikazzjonijiet li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG | | 15 |
| 2.4. Ir-riżultati miksuba mill-FEG | | 16 |
| 2.4.1. Sommarju tar-riżultati rrapportati fl-2017 u l-2018 | | 20 |
| 2.4.2. Rata ta' riintegrazzjoni għal benefiċjarji megħjuna għal kull Stat Membru | | 20 |
| 2.4.3. Valutazzjoni kwalitattiva tar-Rapporti Finali mressqa fl-2017 u l-2018 | | 21 |
| 2.5. Eżekuzzjoni finanzjarja | | 23 |
| 2.5.1. Fondi kontribwiti mill-FEG | | 23 |
| 2.5.2. Nefqa fuq l-assistenza teknika | | 24 |
| 2.5.3. Irregolaritajiet irrapportati | | 25 |
| 2.5.4. L-istralċ tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-FEG | | 25 |
| 2.6. Attivitajiet ta' assistenza teknika mwettqa mill-Kummissjoni | | 30 |
| 2.6.1. Informazzjoni u pubbliċità: Is-sit tal-internet | | 30 |
| 2.6.2. Laqgħat mal-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati tal-FEG | | 30 |
| 2.6.3. Sistema ta' skambju elettroniku ta' data (SFC2014) | | 30 |
| 2.6.4. Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEG 2014-2020 | | 31 |
| 3. Żvilupp tal-politika tal-FEG | | 32 |
| 3.1. Emenda tar-Regolament (UE) 1309/2013 bħala parti mir-Regolament (UE) 2018/1046 | | 32 |
| 3.2. Proposta leġislattiva tal-FEG wara l-2020 | | 32 |

1. Introduzzjoni

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG)³ huwa turija tas-solidarjetà Ewropea lejn il-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja kaġun ta' tibdil strutturali kbir fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni jew kriżi ekonomika u finanzjarja globali u appoġġ tanġibbli għalihom.

Biex jgħin lill-ħaddiema ssensjati jsibu xogħol ġdid, il-FEG jikkofinanzja miżuri ta' politika tas-suq tax-xogħol attivi implimentati mill-Istati Membri. Dan jissupplimenta miżuri tas-suq tax-xogħol nazzjonali fil-każ ta' għoti ta' sensji kollettivi għall-għarrieda, ikkawżati mir-raġunijiet imsemmija hawn fuq, billi jipprovdi approċċ aktar personalizzat u mmirat lill-aktar ħaddiema ssensjati vulnerabbli.

F'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 il-Kummissjoni qed tindirizza dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, billi tipprovdi valutazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tal-attivitajiet tal-FEG fis-sentejn preċedenti. Ir-rapport jiffoka fuq ir-riżultati miksuba mill-FEG u b'mod partikolari fih informazzjoni dwar:

- l-applikazzjonijiet imressqa;
- id-deċiżjonijiet adottati;
- l-azzjonijiet iffinanzjati, inklużi l-komplementarjetà tagħhom ma' azzjonijiet iffinanzjati minn strumenti oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew (l-FSE);
- statistika dwar ir-rata ta' riintegrazzjoni għal beneficijarji meġhuna għal kull Stat Membru;
- l-istralċ tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji; u
- applikazzjonijiet li jkunu ġew miċħuda jew imnaqqsa minħabba li ma kienx hemm approprjazzjonijiet biżżejjed jew minħabba nuqqas ta' eliġibbiltà.

Ir-rapport jikkonkludi billi jispjega kif il-Kummissjoni indirizzat l-isfidi tal-futur fil-proposta tagħha għall-FEG għal wara l-2020.

2. Analiżi tal-attivitajiet tal-FEG fl-2017 u l-2018

2.1. Applikazzjonijiet imressqa

Fl-2017 u l-2018, il-Kummissjoni rċeviet 13-il applikazzjoni mill-10 Stati Membri li ġejjin: Il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, il-Finlandja u l-Iżvezja.

³Imwaqqaf mir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni, emendat mir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2006 u soġġett għar-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006

Kollha kemm huma kienu applikaw għall-finanzjament mill-FEG fis-snin preċedenti wkoll. Id-dettalji dwar dawn l-applikazzjonijiet jinsabu fit-Tabella 1.

Tabella 1: Applikazzjonijiet imressqa fl-2017 u l-2018

| Referenza tal-FEG | Stat Membru | Każ | Settur f'denominazzjoni qosira (NACE Rev.2) | Data tal-applikazzjoni | Art. 4 Kriterji ta' Intervent | Kummerċ / Kriżi | Kontribuzzjoni finanzjarja (€) (40% tal-ammont totali tal-każ) | Kontribuzzjoni tal-FEG (€) (60% tal-ammont totali tal-każ) | Ammont tal-FEG ibbaggat għal ħaddiema fil-mira (€) | Ammont tal-FEG ibbaggat għal NEETs fil-mira (€) | Numru ta' ħaddiema ssenjati | Numru ta' ħaddiema fil-mira | Sehem ta' ħaddiema fil-mira | Numru ta' NEETs fil-mira | Numru ta' benefiċjarji fil-mira (Ħaddiema u NEETs) | Ammont tal-FEG medju għal benefiċjarju fil-mira (Ħaddiema u NEETs) (€) |
|---|-------------|-------------------------------------|--|------------------------|-------------------------------|---------------------------------------|---|---|--|---|-----------------------------|-----------------------------|-----------------------------|---|--|--|
| | | | | | | | A | B=C+D | C | D | E | F | F/E | G | H=F+G | B/H |
| EGF/2017/001 | ES | Castilla y León Coal Mining | Estrazzjoni tal-faħam u linjite (5) | 20-01-2017 | 4(2) | Kummerċ | 668.176 | 1.002.264 | 732.258 | 270.006 | 339 | 339 | 100% | 125 | 464 | 2.160 |
| EGF/2017/002 | FI | Microsoft | Ipprogrammar (62) | 01-02-2017 | 4(1)(a) | Kummerċ | 2.346.720 | 3.520.080 | 3.520.080 | N/A | 1.248 | 1.000 | 80% | 0 | 1.000 | 3.520 |
| EGF/2017/003 | EL | Attica Retail | Negożju bl-innut (47) | 13-04-2017 | 4(2) | Kriżi | 1.966.100 | 2.949.150 | 2.949.150 | N/A | 725 | 725 | 100% | 0 | 725 | 4.068 |
| EGF/2017/004 | IT | Almaviva | Attivitajiet taċ-centri telefonici (82) | 09-05-2017 | 4(1)(a) | Kriżi | 2.231.580 | 3.347.370 | 3.347.370 | N/A | 1.646 | 1.610 | 98% | 0 | 1.610 | 2.079 |
| EGF/2017/005 | FI | Retail | Negożju bl-innut (47) | 12-06-2017 | 4(1)(b) | Kummerċ | 1.666.240 | 2.499.360 | 2.499.360 | N/A | 1.660 | 1.500 | 90% | 0 | 1.500 | 1.666 |
| EGF/2017/006 | ES | Galicia Wearing Apparel | Oġġetti tal-ilbies (14) | 19-07-2017 | 4(2) | Kummerċ | 480.000 | 720.000 | 720.000 | N/A | 303 | 303 | 100% | 0 | 303 | 2.376 |
| EGF/2017/007 | SE | Ericsson | Manifattura ta' prodotti tal-komputer, elettroniċi u ottiċi (26) | 09-08-2017 | 4(1)(a) | Kummerċ | 1.420.267 | 2.130.400 | 2.130.400 | N/A | 2.388 | 900 | 38% | 0 | 900 | 2.367 |
| EGF/2017/008 | DE | Goodyear | Manifattura tal-gomma u prodotti tal-plastik (22) | 06-10-2017 | 4(1)(a) | Kummerċ | 1.443.488 | 2.165.231 | 2.165.231 | N/A | 646 | 646 | 100% | 0 | 646 | 3.352 |
| EGF/2017/009 | FR | Air France | Trasport bl-ajru (51) | 23-10-2017 | 4(1)(a) | Kummerċ | 6.596.322 | 9.894.483 | 9.894.483 | N/A | 1.858 | 1.858 | 100% | 0 | 1.858 | 5.325 |
| EGF/2017/010 | BE | Caterpillar | Makkinarju u Tagħmir (28) | 18-12-2017 | 4(1)(a) | Kummerċ | 3.081.078 | 4.621.616 | 4.085.258 | 536.358 | 2.285 | 2.285 | 100% | 300 | 2.585 | 1.788 |
| EGF/2018/001 | NL | Financial Service Activities | Attivitajiet tas-servizzi finanzjarji (64) | 23-02-2018 | 4(1)(b) | Kriżi | 795.000 | 1.192.500 | 1.192.500 | N/A | 1.324 | 450 | 34% | 0 | 450 | 2.650 |
| EGF/2018/002 | PT | Norte Centro Lisboa Wearing Apparel | Oġġetti tal-ilbies (14) | 24-04-2018 | 4(1)(b) | Kummerċ | 3.103.922 | 4.655.883 | 2.327.942 | 2.327.942 | 1.161 | 730 | 63% | 730 | 1.460 | 3.189 |
| EGF/2018/003 | EL | Attica Publishing Activities | Pubblikazzjoni (58) | 22-05-2018 | 4(1)(b) | Kriżi | 1.539.000 | 2.308.500 | 2.308.500 | N/A | 550 | 550 | 100% | 0 | 550 | 4.197 |
| Nru Totali ta' applikazzjonijiet irċevuti fl-2017 u l-2018: 13 (13 adottati) | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | Total | 27.337.892 | 41.006.837 | 37.872.531 | 3.134.306 | 16.133 | 12.896 | 80% | 1.155 | 14.051 | 2.918 |
| | | | | | | Medja għal 13-il applikazzjoni | 2.102.915 | 3.154.372 | 2.913.272 | 1.044.769* *Medja għal 3 applikazzjonijiet inkl. NEETs | 1.241 | 992 | | 385* *Medja għal 3 applikazzjonijiet inkl. NEETs | 1.081 | |

2.1.1. Applikazzjonijiet imressqa minħabba sensji u kriterju ta' intervent

L-applikazzjonijiet tal-2017 u tal-2018 ġew koperti mir-Regolament (UE) Nru 1309/2013, li japplika għal sensji li jirriżultaw minn:

❖ **Tibdil strutturali kbir fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni.**

Tressqu disa' applikazzjonijiet taħt il-kriterju tal-kummerċ li minnhom waħda ġiet iġġustifikata minn ċirkostanzi eċċezzjonali u oħra kienet tirrigwarda suq tax-xogħol żgħir⁴.

❖ **L-effetti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali.**

Erba' applikazzjonijiet tressqu minħabba r-riperkussjonijiet tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali, li minnhom waħda ġiet iġġustifikata taħt ċirkostanzi eċċezzjonali⁵.

2.1.2. Applikazzjonijiet imressqa skont is-settur (NACE Rev. 2)⁶

It-13-il applikazzjoni li tressqu u ġew adottati kienu marbuta ma' sensji fi 11-il settur differenti.

1) estrazzjoni tal-faħam u l-linjite, 2) manifattura tal-gomma u l-prodotti tal-plastik, 3) manifattura ta' prodotti tal-kompjuter, elettroniċi u ottiċi, 4) makkinarju u tagħmir, 5) trasport bl-ajru 6) attivitajiet ta' pubblikazzjoni, 7) ipprogrammar tal-kompjuters u attivitajiet ta' konsulenza, 8) attivitajiet tas-servizzi finanzjarji, 9) attivitajiet amministrattivi tal-uffiċju u appoġġ ieħor tan-negozju, 10) oġġetti tal-ilbies (żewġ applikazzjonijiet), u 11) negozju bl-imnut (żewġ applikazzjonijiet).

Għall-ewwel darba mill-bidu tal-FEG, tressqu applikazzjonijiet għas-setturi li ġejjin: estrazzjoni tal-faħam u l-linjite, manifattura tal-gomma u prodotti tal-plastik, u servizzi finanzjarji.


L-akbar numru ta' ħaddiema fil-mira kienu fis-settur tal-makkinarju u tat-tagħmir (2 285), segwiti min-negozju bl-imnut (2 225) u t-trasport bl-ajru (1 858).

⁴ L-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament tal-FEG jirrikjedi li mill-inqas 500 ħaddiem jingħataw is-sensja fuq perjodu ta' referenza ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit fid-Diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi definiti fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru. Żewġ applikazzjonijiet imressqa ġew derogati minn dawn il-kriterji. F'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-FEG, dan kien iġġustifikat minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali u minħabba li l-każ ġara f'suq tax-xogħol żgħir.

⁵ Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna

⁶ NACE Rev. 2 - Klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea:
<https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-manuals-and-guidelines/-/KS-RA-07-015>

Ċart 1: Numru ta' ħaddiema fil-mira skont is-settur (NACE Rev. 2) fl-2017-2018




2.1.3. Applikazzjonijiet imressqa skont in-numru ta' benefiċjarji fil-mira għal kull Stat Membru

In-numru totali ta' benefiċjarji (ħaddiema u NEETs) fil-mira għall-appoġġ tal-FEG kien ta' 14 051. In-numri ta' benefiċjarji fil-mira għal kull applikazzjoni varjaw minn 303 sa 2 585, b'sitt applikazzjonijiet li jimmiraw lejn tal-inqas 1 000 benefiċjarju u tliet applikazzjonijiet jimmiraw lejn inqas minn 500 benefiċjarju⁷ (ara t-Tabella 1). In-numru medju ta' benefiċjarji fil-mira għal kull applikazzjoni kien ta' 1 081.

Mill-14 051 benefiċjarju fil-mira, 12 896 kienu ħaddiema li ngħataw is-sensja u 1 155 kienu NEETs. Il-Finlandja talbet l-appoġġ tal-FEG għall-akbar numru ta' ħaddiema (2 500), segwita mill-Belġju (2 285) u Franza (1 858). It-tliet applikazzjonijiet li fihom in-NEETs kienu fil-mira wkoll għall-appoġġ tressqu mill-Belġju (300 NEET), Spanja (125 NEET) u l-Portugall (730 NEET).

⁷ Tnejn minn dawn il-każijiet kienu mmirati lejn il-ħaddiema ssensjati kollha, li n-numru ta' tagħhom madankollu kien taħt il-500, peress li l-applikazzjonijiet tressqu skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

Ċart 2: Numru ta' benefiċjarji fil-mira skont l-Istat Membru fl-2017-2018



In-numru ta' applikazzjonijiet imressqa huwa speċifikat fil-parentesi.

Numru totali tal-benefiċjarji fil-mira: 14 051
Medja tal-benefiċjarji fil-mira: 1 405

It-13-il applikazzjoni mressqa waqt il-perjodu ta' referenza kienu relatati ma' 16 133 sensja, li minnhom 12 896, li jirrappreżentaw 80 %, kienu fil-mira tal-miżuri proposti għall-kofinanzjament mill-FEG.

Għandu jiġi indikat li n-numru ta' ħaddiema affettwati minn sensja u n-numru fil-mira għall-appoġġ tal-FEG jista' jvarja peress li l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li jiffoka biss fuq gruppi speċifiċi ta' persuni bħall-aktar ħaddiema vulnerabbli, daww li jiffaċċjaw diffikultajiet eċċezzjonali fis-suq tax-xogħol u/jew l-aktar fil-bżonn ta' assistenza. L-appoġġ standard disponibbli għall-ħaddiema ssensjati fl-Istati Membri f'xi każijiet jista' jkun biżżejjed biex jerġa' jintegrahom malajr fl-impjieg jew f'ċerti każijiet il-ħaddiema jistgħu jagħżlu li jirtiraw kmieni.


2.1.4. Applikazzjonijiet imressqa skont l-ammont mitlub

Kull Stat Membru li japplika għall-appoġġ tal-FEG għandu jfassal pakkett ikkoordinat ta' miżuri li jaqbel l-aħjar mal-profil tal-benefiċjarji fil-mira u jiddeċiedi dwar l-ammont ta' assistenza li għandu

jitlob. Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 jistabbilixxi r-rata massima ta' kofinanzjament mill-FEG għal 60 %.

Intalab ammont totali ta' EUR 41 006 837 għal appoġġ tal-FEG minn 10 Stati Membri. Franza talbet l-akbar ammont (EUR 9 894 483 għal applikazzjoni waħda), segwita mill-Finlandja (EUR 6 019 440 għal żewġ applikazzjonijiet) u l-Greċja (EUR 5 257 650 għal żewġ applikazzjonijiet). Il-kontribuzzjonijiet tal-FEG mitluba varjaw minn EUR 720 000 sa EUR 9 894 483, b'medja ta' EUR 3 154 372 għal kull applikazzjoni u EUR 4 100 684 għal kull Stat Membru.

Ċart 3: Ammonti totali mitluba mill-FEG (f'EUR) skont l-Istat Membru fl-2017-2018



In-numru ta' applikazzjonijiet imressqa huwa speċifikat fil-parentesi.


Ammont totali mitlub mill-FEG:
Ammont medju tal-FEG mitlub:

EUR 41 006 837
EUR 4 100 684

2.1.5. Applikazzjonijiet imressqa skont l-ammont mitlub għal kull benefiċjarju

Ir-Regolament (EU) Nru 1309/2013 ma jillimitax l-ammont totali mitlub. Għaldaqstant, l-ammont mitlub għal kull benefiċjarju fil-mira jista' jvarja skont is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol affettwat, iċ-ċirkostanzi individwali tal-benefiċjarji fil-mira, il-miżuri diġà pprovduti mill-Istat Membru u l-kost tal-għoti tas-servizzi fl-Istat Membru kkonċernat. Dan jispjega għaliex l-ammonti proposti tal-appoġġ tal-FEG għal kull benefiċjarju fl-2017 u l-2018 varjaw minn EUR 1 666 sa EUR 5 325 b'medja ta' EUR 2 918 għal kull benefiċjarju fil-mira (kif jidher fit-Tabella 1). L-akbar ammont medju għal kull benefiċjarju ntab minn Franza (EUR 5 325), segwita mill-Greċja (EUR 4 124) u l-Ġermanja (EUR 3 352).

Ċart 4: Ammont tal-FEG (f'EUR) mitlub skont il-benefiċjarju u skont l-Istat Membru fl-2017–2018



In-numru ta' applikazzjonijiet imressqa huwa speċifikat fil-parentesi.

Ammont medju tal-FEG mitlub minn kull benefiċjarju: EUR 2 918

2.2. Deċiżjonijiet adottati u kontribuzzjonijiet mogħtija

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw seba' deċiżjonijiet biex jimmobilizzaw il-finanzjament mill-FEG fl-2017 u tmien deċiżjonijiet fl-2018. Fil-każijiet kollha, ir-rata tal-kofinanzjament kienet ta' 60 %. Tabelli 2 u 3 jippreżentaw id-dettalji tal-finanzjament mogħti fl-2017 u l-2018. Dawn iż-żewġ tabelli jinkludu wkoll żewġ applikazzjonijiet imressqa qabel l-01/01/2017 iżda li ġew adottati fl-2017, u għalhekk ikopru sett differenti ta' każijiet mit-Tabella 1 li tippreżenta l-applikazzjonijiet imressqa fl-2017 u l-2018.

Il-15-il kontribuzzjoni mogħtija kienu mmirati lejn 15 672 benefiċjarju (inkluż 1 155 zaġżuġ li jinsabu barra mill-impjeg, edukazzjoni jew taħriġ⁸) f'10 Stati Membri, b'ammont totali ta' kofinanzjament mill-FEG ta' EUR 45 467 387 u medja ta' EUR 2 901 għal kull benefiċjarju fil-mira. Mill-14 517-il ħaddiem fil-mira (li jirrappreżentaw 80 % tal-ħaddiema ssensjati) 57 % kienu rġiel, 69 % kellhom bejn 25 u 54 sena u 98 % kienu ċittadini tal-UE.

⁸ L-applikazzjonijiet ma fihom l-ebda informazzjoni dwar il-profil tan-NEETs, għalhekk dawn ma jistgħux jitqassmu skont is-sess, iċ-ċittadinanza, l-età jew id-diżabbiltajiet.


Tabella 2: Dettalji tal-kontribuzzjonijiet mogħtija fl-2017 u l-2018
(Data tal-Firma mill-BA fl-2017 u l-2018)

| Referenza tal-FEG | Stat Membru | Każ | Settur f'denominazzjoni qasira (NACE Rev. 2 diviżjoni) | Data tal-applikazzjoni | Art. 4. Kriterji ta' intervent | Kummerè / Kriżi | Kontribuzzjoni nazjonali (f'€) | Kontribuzzjoni tal-FEG mogħtij (f'€) | Numru ta' benefiċjarji fil-mira (ħaddiema u NEETs) | Kontribuzzjoni medja tal-FEG skont il-benefiċjarju (ħaddiema u NEETs) (f'€) | Numru ta' NEETs fil-mira | Data tal-Firma mill-Awtorità Baġtarja | Data tal-pagament (trasferiment bankarju) | |
|--|-------------|-------------------------------------|---|------------------------|--------------------------------|-----------------|--------------------------------|--------------------------------------|--|---|--------------------------|---------------------------------------|---|-----------------------------------|
| EGF/2016/005 | NL | Drenthe Overijssel Retail | Negozju bl-innut (47) | 12-07-2016 | 4(1)(b) | Kriżi | 1.212.500 | 1.818.750 | 800 | 2.273 | N/A | 15-03-2017 | 29-03-2017 | |
| EGF/2016/008 | FI | Nokia Network Systems | Manifattura tal-kompjuters u prodotti elettroniċi (26) | 22-11-2016 | 4(1)(a) | Kummerè | 1.761.200 | 2.641.800 | 821 | 3.218 | N/A | 17-05-2017 | 31-05-2017 | |
| EGF/2017/001 | ES | Castilla y León Coal Mining | Estrazzjoni tal-faħam u linjite (5) | 20-01-2017 | 4(2) | Kummerè | 668.176 | 1.002.264 | 464 | 2.160 | 125 | 14-07-2017 | 01-08-2017 | |
| EGF/2017/002 | FI | Microsoft | Ipprogrammar (62) | 01-02-2017 | 4(1)(a) | Kummerè | 2.346.720 | 3.520.080 | 1.000 | 3.520 | N/A | 13-09-2017 | 26-09-2017 | |
| EGF/2017/003 | EL | Attica Retail | Negozju bl-ingrossa (47) | 13-04-2017 | 4(2) | Kriżi | 1.966.100 | 2.949.150 | 725 | 4.068 | N/A | 12-12-2017 | 21-12-2017 | |
| EGF/2017/004 | IT | Almaviva | Attivitajiet ta' ċentri telefoniċi (82) | 09-05-2017 | 4(1)(a) | Kriżi | 2.231.580 | 3.347.370 | 1.610 | 2.079 | N/A | 15-11-2017 | 28-11-2017 | |
| EGF/2017/005 | FI | Retail | Negozju bl-ingrossa (47) | 12-06-2017 | 4(1)(b) | Kummerè | 1.666.240 | 2.499.360 | 1.500 | 1.666 | N/A | 12-12-2017 | 22-12-2017 | |
| EGF/2017/006 | ES | Galicia Wearing Apparel | Oġġetti tal-ilbies (14) | 19-07-2017 | 4(2) | Kummerè | 480.000 | 720.000 | 303 | 2.376 | N/A | 14-03-2018 | 27-03-2018 | |
| EGF/2017/007 | SE | Ericsson | Manifattura tal-prodotti tal-kompjuter u elettroniċi (26) | 09-08-2017 | 4(1)(a) | Kummerè | 1.420.267 | 2.130.400 | 900 | 2.367 | N/A | 14-03-2018 | 27-03-2018 | |
| EGF/2017/008 | DE | Goodyear | Manifattura tal-gomma u prodotti tal-plastik (22) | 06-10-2017 | 4(1)(a) | Kummerè | 1.443.488 | 2.165.231 | 646 | 3.352 | N/A | 14-03-2018 | 27-03-2018 | |
| EGF/2017/009 | FR | Air France | Trasport bl-ajru (51) | 23-10-2017 | 4(1)(a) | Kummerè | 6.596.322 | 9.894.483 | 1.858 | 5.325 | N/A | 04-07-2018 | 17-07-2018 | |
| EGF/2017/010 | BE | Caterpillar | Makkinarju u Tagħmir (28) | 18-12-2017 | 4(1)(a) | Kummerè | 3.081.078 | 4.621.616 | 2.585 | 1.788 | 300 | 30-05-2018 | 12-06-2018 | |
| EGF/2018/001 | NL | Financial Service Activities | Attivitajiet tas-servizzi finanzjarji (64) | 23-02-2018 | 4(1)(b) | Kriżi | 795.000 | 1.192.500 | 450 | 2.650 | N/A | 02-10-2018 | 18-10-2018 | |
| EGF/2018/002 | PT | Norte Centro Lisboa Wearing Apparel | Oġġetti tal-ilbies (14) | 24-04-2018 | 4(1)(b) | Kummerè | 3.103.922 | 4.655.883 | 1.460 | 3.189 | 730 | 23-10-2018 | 05-11-2018 | |
| EGF/2018/003 | EL | Attica Publishing Activities | Pubblikazzjoni (58) | 22-05-2018 | 4(1)(b) | Kriżi | 1.539.000 | 2.308.500 | 550 | 4.197 | N/A | 11-12-2018 | 20-12-2018 | |
| Nru totali ta' deċiżjonijiet u pagamenti fl-2017 u l-2018: 15 | | | | | | | Ċifri totali | | 30.311.592 | 45.467.387 | 15.672 | 2.901 | 1.155 | |
| | | | | | | | 4(1)(a)=7 | Kriżi = 5 | | | | | | |
| | | | | | | | 4(1)(b)=5 | Kummerè = | 2.020.773 | 3.031.159 | 1.045 | | | |
| | | | | | | | 4(2)=3 | 10 | | | | | | Ċifri medji għal 15-il każ |


Tabella 3: Dettalji tal-kontribuzzjonijiet mogħtija fl-2017 u l-2018
Profil tal-ħaddiema fil-mira (NEETs mhux inklużi*)

| | | | | | | Sess | | | | Ċittadinanza | | | | Età | | | | | | | |
|--|-------------|-------------------------------------|------------------------------|-----------------------------|--|-----------------|-----|---------------|-----|---------------------------|------|--------------------------------|-----|--------------------|-----|--------------------|-----|--------------------|-----|------------------|-----|
| Referenza tal-FEG | Stat Membru | Każ | Numru ta' ħaddiema ssensjati | Numru ta' ħaddiema fil-mira | % ta' ħaddiema fil-mira (mill-ħaddiema ssensjati kollha) | Irġiel fil-mira | | Nisa fil-mira | | Ċittadini tal-UE fil-mira | | Ċittadini mhux tal-UE fil-mira | | Età 15-24 fil-mira | | Età 25-54 fil-mira | | Età 55-64 fil-mira | | Età >64 fil-mira | |
| EGF/2016/005 | NL | Drenthe Overijssel Retail | 1.096 | 800 | 73% | 570 | 71% | 230 | 29% | 800 | 100% | 0 | 0% | 492 | 62% | 243 | 30% | 64 | 8% | 1 | 0% |
| EGF/2016/008 | FI | Nokia Network Systems | 945 | 821 | 87% | 608 | 74% | 213 | 26% | 800 | 97% | 21 | 3% | 6 | 1% | 644 | 78% | 167 | 20% | 4 | 0% |
| EGF/2017/001 | ES | Castilla y León Coal Mining | 339 | 339 | 100% | 328 | 97% | 11 | 3% | 339 | 100% | 0 | 0% | 0 | 0% | 332 | 98% | 7 | 2% | 0 | 0% |
| EGF/2017/002 | FI | Microsoft | 1.248 | 1.000 | 80% | 740 | 74% | 260 | 26% | 955 | 96% | 45 | 5% | 0 | 0% | 950 | 95% | 50 | 5% | 0 | 0% |
| EGF/2017/003 | EL | Attica Retail | 725 | 725 | 100% | 408 | 56% | 317 | 44% | 714 | 98% | 11 | 2% | 0 | 0% | 107 | 15% | 438 | 60% | 180 | 25% |
| EGF/2017/004 | IT | Almaviva | 1.646 | 1.610 | 98% | 334 | 21% | 1.276 | 79% | 1.568 | 97% | 42 | 3% | 0 | 0% | 1.375 | 85% | 223 | 14% | 12 | 1% |
| EGF/2017/005 | FI | Retail | 1.660 | 1.500 | 90% | 355 | 24% | 1.145 | 76% | 1.495 | 100% | 5 | 0% | 103 | 7% | 1.129 | 75% | 263 | 18% | 5 | 0% |
| EGF/2017/006 | ES | Galicia Wearing Apparel | 303 | 303 | 100% | 50 | 17% | 253 | 83% | 298 | 98% | 5 | 2% | 2 | 1% | 230 | 76% | 71 | 23% | 0 | 0% |
| EGF/2017/007 | SE | Ericsson | 2.388 | 900 | 38% | 600 | 67% | 300 | 33% | 900 | 100% | 0 | 0% | 1 | 0% | 622 | 69% | 272 | 30% | 5 | 1% |
| EGF/2017/008 | DE | Goodyear | 646 | 646 | 100% | 641 | 99% | 5 | 1% | 493 | 76% | 153 | 24% | 15 | 2% | 461 | 71% | 168 | 26% | 2 | 0% |
| EGF/2017/009 | FR | Air France | 1.858 | 1.858 | 100% | 974 | 52% | 884 | 48% | 1.849 | 100% | 9 | 0% | 0 | 0% | 661 | 36% | 1.196 | 64% | 1 | 0% |
| EGF/2017/010 | BE | Caterpillar | 2.285 | 2.285 | 100% | 2.113 | 92% | 172 | 8% | 2.231 | 98% | 54 | 2% | 2 | 0% | 2.020 | 88% | 263 | 12% | 0 | 0% |
| EGF/2018/001 | NL | Financial Service Activities | 1.324 | 450 | 34% | 183 | 41% | 267 | 59% | 450 | 100% | 0 | 0% | 38 | 8% | 291 | 65% | 104 | 23% | 17 | 4% |
| EGF/2018/002 | PT | Norte Centro Lisboa Wearing Apparel | 1.161 | 730 | 63% | 83 | 11% | 647 | 89% | 730 | 100% | 0 | 0% | 12 | 2% | 568 | 78% | 150 | 21% | 0 | 0% |
| EGF/2018/003 | EL | Attica Publishing Activities | 550 | 550 | 100% | 320 | 58% | 230 | 42% | 549 | 100% | 1 | 0% | 3 | 1% | 466 | 85% | 80 | 15% | 1 | 0% |
| Nru totali ta' deċżjonijiet u pagamenti li saru fl-2017 u l-2018: 15 | | | 18.174 | 14.517 | 80% | 8.307 | 57% | 6.210 | 43% | 14.171 | 98% | 346 | 2% | 674 | 5% | 10.099 | 70% | 3.516 | 24% | 228 | 2% |
| | | | | | | 14.517 | | | | 14.517 | | | | 14.517 | | | | | | | |
| *It-tabella teskludi l-NEETs, peress li l-applikazzjoni ma fihix informazzjoni dwar il-profil tal-NEETs, għalhekk ma jistgħux jinqasmu skont is-sess, iċ-ċittadinanza, l-età jew id-diżabbiltajiet | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| L-NEETs fil-mira huma magħżula waqt il-proċess tal-implimentazzjoni. | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |


Ċart 5: Profil tal-ħaddiema fil-mira skont is-sess



Ċart 6: Profil tal-ħaddiema fil-mira skont iċ-ċittadinanza



Ċart 7: Profil tal-ħaddiema fil-mira skont l-età



2.2.1. Azzjonijiet iffinanzjati bl-assistenza mill-FEG

Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri attivi tas-suq tax-xogħol li jagħmlu parti minn pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira u, b'mod partikolari, il-persuni qiegħda li huma żvantaġġati, akbar fl-età u zghażaġh, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti. Il-miżuri approvati għall-15-il kontribuzzjoni tal-FEG mogħtija kienu jikkonsistu prinċipalment minn dan li ġej:

- assistenza intensiva personalizzata għat-tfittix ta' xogħol;
- varjetà ta' taħriġ mill-ġdid, bini ta' ħiliet u vokazzjonali; taħriġ orizzontali u ta' ħiliet personali u programmi ta' edukazzjoni għolja;
- konsulenza u mentoraġġ lejn impjieg mill-ġdid u mentoraġġ waqt il-fażi inizjali ta' xogħol ġdid;
- promozzjoni tal-intraprenditorija u kontribuzzjonijiet lil negozji ġodda;
- inċentivi ta' darba biss għal riallokazzjoni malajr u inċentivi biex jiġu impjegati persuni ġodda; u
- varjetà ta' benefiċċji (tfittix ta' xogħol, taħriġ) u kontribuzzjonijiet (ivvjaġġar lejn ix-xogħol u lura, persuni li jindokraw persuni dipendenti).

Meta fasslu l-pakketti ta' appoġġ tagħhom, l-Istati Membri qiesu l-isfondi, l-esperjenzi u l-livelli edukattivi tal-benefiċjarji individwali, l-abbiltà tagħhom li jkunu mobbli u l-opportunitajiet ta' xogħol attwali jew mistennija fir-reġjuni kkonċernati.

2.2.2. Il-komplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew (l-FSE)

Il-FEG huwa mfassal sabiex iżid l-impjegabbiltà u jiżgura r-riintegrazzjoni rapida fl-impjieg tal-benefiċjarji fil-mira permezz ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, u b'hekk jikkomplementa l-FSE, li huwa l-istrument ewlieni tal-UE għall-promozzjoni tax-xogħol.

Ġeneralment, il-komplementarjetà taż-żewġ fondi tinstab fil-kapaċità tagħhom li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet minn żewġ perspettivi ta' żmien differenti: il-FEG jipprovdi għal ħaddiema ssensjati jew persuni li jaħdmu għal rashom b'rispons għal sensja tal-massa speċifika ta' skala kbira li saret f'perjodu qasir. Dan joffri appoġġ Ewropew konkret f'sitwazzjoni ta' kriżi, filwaqt li l-FSE jappoġġja – b'mod antiċipatorju - għanijiet strateġiċi fit-tul (eż. iżid il-kapital uman u jimmaniġġja t-tibdil) permezz ta' programmi pluriennali, li r-riżorsi tagħhom normalment ma jistgħux jiġu allokati (mingħajr ma jiġi emendat il-programm operattiv) biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minn sensji tal-massa mhux mistennija.

Il-FEG jipprovdi opportunità biex jiżgura miżuri personalizzati li huma mfassla għall-ħtiġijiet tal-ħaddiema ssensjati individwali filwaqt li l-appoġġ mill-FSE normalment ikun aktar ġeneralizzat u jimmira lejn il-popolazzjoni usa' (kemm waqt ix-xogħol kif ukoll barra x-xogħol). Barra minn hekk, l-FSE jagħmel aktar enfasi fejn jidhul l-appoġġ kemm għad-domanda għall-ħaddiema kif ukoll il-provvista tagħhom (il-ħiliet, il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tal-benefiċjarji) b'mod integrat, filwaqt li tradizzjonalment il-FEG huwa aktar orjentat lejn in-naħa tal-provvista.

Xi drabi, il-miżuri tal-FEG u l-FSE jintużaw mill-Istati Membri biex jikkomplementaw lil xulxin sabiex jipprovdu soluzzjonijiet għal żmien qasir kif ukoll fuq żmien itwal. Il-kriterju deċiżiv huwa l-potenzjal tal-istrumenti disponibbli li jgħinu lill-benefiċjarji fil-mira, u huwa f'idejn l-Istati Membri biex jagħżlu – u jipprogrammaw – l-istrumenti u l-azzjonijiet l-aktar xierqa biex jintlaħqu l-oġettivi segwiti.

Il-kontenut tal-“pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati” li għandu jiġi kkofinanzjat mill-FEG jikkonsisti minn servizzi personalizzati speċifiċi u assistenza mfassla apposta, li jmorru lil hinn minn korsijiet u azzjonijiet standard. Il-prattika wriet li l-FEG jippermetti lill-Istati Membri joffru lill-benefiċjarji fil-mira assistenza mfassla b'mod aħjar u aktar profonda, inklużi miżuri li kieku normalment ma kienx ikollhom aċċess għalihom (eż. edukazzjoni tat-tieni jew tat-tielet livell).

Il-FEG jippermetti lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni partikolari lill-persuni vulnerabbli, bħal dawk b'ħiliet baxxi jew dawk bi sfond ta' migrazzjoni, u biex jipprovdu appoġġ bi proporzjon aħjar bejn konsulent u benefiċjarju u/jew fuq perjodu ta' żmien itwal. Dan iżid il-prospetti tal-benefiċjarji fit-titjib tas-sitwazzjoni tagħhom.

Kif stipulat fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, l-Istati Membri kollha għandhom idaħħlu fis-seħħ il-mekkaniżmi meħtieġa biex jevitaw kwalunkwe riskju ta' finanzjament doppju mill-istrumenti finanzjarji tal-UE. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-Awtorità Maniġerjali tal-FSE hija wkoll responsabbli għall-implimentazzjoni tal-każijiet tal-FEG. Dan jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà biex ifittxu l-komplementarjetà bejn iż-żewġ interventi. Fil-livell tal-każijiet, il-FEG normalment jibni fuq il-miżuri eżistenti, kemm nazzjonali kif ukoll tal-FSE, billi jsaħħaħhom jew billi

joffri miżuri differenti u addizzjonali. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu⁹ kkonkludiet li l-FEG ħoloq valur miżjud tal-UE veru billi żied in-numru u l-varjetà ta' servizzi offruti lil ħaddiema ssensjati, u anke għolla l-livell ta' intensità tagħhom.

F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, it-taħlita ta' miżuri tal-FEG imfassla fil-livell tal-Istati Membri hija komplementari ħafna mad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-FSE għall-appoġġ tat-tranżizzjonijiet lura lejn id-dinja tax-xogħol. Id-deċiżjoni ta' jekk għandux jiġi applikat finanzjament mill-FSE jew l-FEG issir fil-livell tal-Istati Membri, bil-kundizzjoni li l-programm operattiv tal-FSE li jintlaħaq qbil dwaru mal-Kummissjoni jkun kompatibbli ma' kull appoġġ. Huwa f'idejn l-Istat Membru biex jimmaniġġja l-komplementarjetà bejn il-FSE u l-FEG bl-aħjar mod possibbli meta jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali prevalenti dak iż-żmien.

2.3. Applikazzjonijiet li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG

La l-Kummissjoni u lanqas il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma rrifjutaw xi applikazzjoni jew naqqsu l-ammont tal-finanzjament propost minħabba nuqqas ta' eliġibbiltà jew nuqqas ta' approprjazzjonijiet suffiċjenti.

2.4. Ir-riżultati miksuba mill-FEG

Is-sorsi ta' informazzjoni ewlenin fuq ir-riżultati miksuba mill-FEG huma r-rapporti finali sottomessi mill-Istati Membri, sitt xhur wara tmiem l-implimentazzjoni. Dawn huma ssupplimentati b'informazzjoni kondiviża mill-Istati Membri f'kontatti diretti mal-Kummissjoni, matul laqgħat u konferenzi u minn xogħol ta' awditu. Ir-riżultati ewlenin u d-data rrapportata mill-Istati Membri fl-2017 u l-2018 huma miġbura fil-qosor f'din it-taqsimha u fit-Tabella 4.

Tabella 4: Rapporti Finali rċevuti fl-2017 u l-2018

⁹ Ara t-taqsimha 2.7.4 dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-2014-2020

| Referenza tal-FEG | EGF/2014/008 | EGF/2014/009 | EGF/2014/011 | EGF/2014/012 | EGF/2014/013 | EGF/2014/014 | EGF/2014/015 | EGF/2014/016 |
|---|-----------------|------------------|----------------------|----------------|------------------|---------------|----------------------------|-----------------------------------|
| Każ | STX Rauma | Sprider Stores | Caterpillar | ArcelorMittal | Odyssefs Fokas | Aleo Solar | Attica Publishing Services | Lufthansa Technik |
| Stat Membru | FI | EL | BE | BE | EL | DE | EL | IE |
| Settur (denominazzjoni qasira) | Bini tal-vapuri | Negożju bl-immut | Makkinarju u Tagħmir | Metalli bażiċi | Negożju bl-immut | Moduli solari | Pubblikazzjoni | Manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru |
| Data tal-applikazzjoni | 27-05-2014 | 06-06-2014 | 22-07-2014 | 22-07-2014 | 29-07-2014 | 29-07-2014 | 04-09-2014 | 19-09-2014 |
| Ħaddiema ssensjati | 634 | 703 | 1.030 | 1.285 | 600 | 657 | 705 | 424 |
| Ħaddiema fil-mira | 565 | 761 | 630 | 910 | 600 | 476 | 705 | 250 |
| Data tal-bidu tal-miżuri | 07-11-2013 | 26/02/2016 | 01-04-2014 | 01-01-2014 | 26-02-2016 | 11-04-2014 | 28-03-2016 | 07-12-2013 |
| Data tat-tmiem tal-miżuri | 27-05-2016 | 01-09-2016 | 22-07-2016 | 22-07-2016 | 20-10-2016 | 31-10-2015 | 28-05-2017 | 19-09-2016 |
| Skadenza għar-Rapport Finali | 27-11-2016 | 01-03-2017 | 22-01-2017 | 22-01-2017 | 20-04-2017 | 29-01-2017 | 28-05-2017 | 19-03-2017 |
| Data attwali tas-sottomissjoni tar-Rapport Finali | 26-01-2017 | 01-03-2017 | 20-01-2017 | 20-01-2017 | 20-04-2017 | 25-01-2017 | 26-05-2017 | 16-03-2017 |
| Il-każ ġie stralċat qabel 31/12/2018? | YES | YES | YES | YES | YES | NO | NO | NO |
| RIŻULTATI FI TMIEM IL-PERJODU TA' IMPLIMENTAZZJONI, IBBAŻATI FUQ IR-RAPPORT FINALI TAL-ISTATI MEMBRI | | | | | | | | |
| Ħaddiema megħjuna | 589 | 517 | 501 | 780 | 379 | 408 | 205 | 253 |
| % tal-ħaddiema megħjuna | 104% | 68% | 80% | 86% | 63% | 86% | 29% | 101% |
| Status tas-suq tax-xogħol tal-ħaddiema megħjuna mill-kontribuzzjoni tal-FEG * | | | | | | | | |
| Ħaddiema integrati mill-ġdid fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni | 391 | 195 | 74 | 183 | 110 | 332 | 69 | 185 |
| % tal-ħaddiema megħjuna minn | 66% | 38% | 15% | 23% | 29% | 81% | 34% | 73% |
| bħala ħaddiema dipendenti | 391 | 186 | 65 | 163 | 103 | 332 | 55 | 181 |
| bħala persuni li jaħdmu għal rashom | 0 | 9 | 9 | 20 | 7 | 0 | 14 | 4 |
| Ħaddiema fl-edukazzjoni/taħriġ | 0 | 0 | 29 | 14 | 11 | 6 | 7 | 1 |
| % tal-ħaddiema megħjuna | 0% | 0% | 6% | 2% | 3% | 1% | 3% | 0% |
| Ħaddiema qiegħda jew inattivi għal diversi raġunijiet ** | 198 | 322 | 398 | 583 | 256 | 70 | 129 | 29 |
| % tal-ħaddiema megħjuna | 34% | 62% | 79% | 75% | 68% | 17% | 63% | 11% |
| Status tal-ħaddiema mhux disponibbli | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 0 | 0 | 38 |
| % tal-ħaddiema megħjuna | 0% | 0% | 0% | 0% | 1% | 0% | 0% | 15% |
| | 100% | 100% | 100% | 100% | 100% | 100% | 100% | 100% |
| NEETs fil-mira | N/A | 550 | N/A | N/A | 500 | N/A | N/A | 200 |
| NEETs megħjuna | N/A | 502 | N/A | N/A | 369 | N/A | N/A | 171 |
| % tal-NEETs fil-mira | N/A | 91% | N/A | N/A | 74% | N/A | N/A | 86% |
| Status tas-suq tax-xogħol tal-NEETs megħjuna mill-kontribuzzjoni tal-FEG * | | | | | | | | |
| NEETs impjegati fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-FEG | N/A | 55 | N/A | N/A | 6 | N/A | N/A | 71 |
| % tal-NEETs megħjuna minn | N/A | 11% | N/A | N/A | 2% | N/A | N/A | 42% |
| bħala ħaddiema dipendenti | N/A | 52 | N/A | N/A | 5 | N/A | N/A | 70 |
| bħala persuni li jaħdmu għal rashom | N/A | 3 | N/A | N/A | 1 | N/A | N/A | 1 |
| NEETs f'edukazzjoni/taħriġ | N/A | 0 | N/A | N/A | 5 | N/A | N/A | 6 |
| % tal-NEETs megħjuna | N/A | 0% | N/A | N/A | 1% | N/A | N/A | 4% |
| NEETs qiegħda jew inattivi - diversi raġunijiet ** | N/A | 447 | N/A | N/A | 358 | N/A | N/A | 71 |
| % tal-NEETs megħjuna | N/A | 89% | N/A | N/A | 97% | N/A | N/A | 42% |
| Status tal-NEETs mhux disponibbli | N/A | 0 | N/A | N/A | 0 | N/A | N/A | 23 |
| % tal-NEETs megħjuna | N/A | 0% | N/A | N/A | 0% | N/A | N/A | 13% |

* L-istatus tas-suq tax-xogħol tal-benefiċjarji pprovdut f'din it-tabella jirrifletti bħala prinċipju s-sitwazzjoni fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni.

** inattiv f'isser li l-persuni ma jkunux għadhom disponibbli għas-suq tax-xogħol minħabba raġunijiet personali differenti, pereżempju ritirar.

| Referenza tal-FEG | EGF/2014/017 | EGF/2014/018 | EGF/2015/001 | EGF/2015/002 | EGF/2015/003 | EGF/2015/004 | EGF/2015/005 | EGF/2015/006 |
|---|-------------------|---------------------|---------------------|-----------------|-----------------|------------------|-----------------------------|-------------------------------------|
| Każ | Mory-Ducros | Attica Broadcasting | Broadcom | Adam Opel | Ford Genk | Alitalia | Computer programming | PWA International |
| Stat Membru | FR | EL | FI | DE | BE | IT | FI | IE |
| Settur (denominazzjoni qasira) | Trasport bit-triq | Xandir | Negożju bl-ingrossa | Awtomobilistiku | Awtomobilistiku | Trasport bl-ajru | Ipprogrammar tal-kompjuters | Manutenzjoni tal-inġenjeri tal-ajru |
| Data tal-applikazzjoni | 06-10-2014 | 04-09-2014 | 30-01-2015 | 26-02-2015 | 24-03-2015 | 24-03-2015 | 12-06-2015 | 19-06-2015 |
| Ħaddiema ssensjati | 2.721 | 928 | 568 | 3.122 | 5.111 | 1.249 | 1.603 | 108 |
| Ħaddiema fil-mira | 2.513 | 928 | 500 | 2.692 | 4.500 | 184 | 1.200 | 108 |
| Data tal-bidu tal-miżuri | 24-02-2014 | 05-02-2015 | 11-08-2014 | 01-01-2015 | 01-01-2014 | 02-06-2015 | 31-07-2014 | 22-05-2014 |
| Data tat-tmiem tal-miżuri | 06-10-2016 | 28/11/2016 | 30-01-2017 | 13-01-2017 | 23-03-2017 | 31-03-2017 | 12-06-2017 | 19-06-2017 |
| Skadenza għar-Rapport Finali | 06-04-2017 | 28-05-2017 | 30-07-2017 | 26-08-2017 | 24-09-2017 | 01-10-2017 | 12-12-2017 | 19-12-2017 |
| Data attwali tas-sottomissjoni tar-Rapport Finali | 06-04-2017 | 26-05-2017 | 07-07-2017 | 23-08-2017 | 25-09-2017 | 01-10-2017 | 12-12-2017 | 19-12-2017 |
| Il-każ ġie stralċat qabel 31/12/2018? | NO | YES | YES | NO | NO | YES | YES | NO |
| RIŻULTATI FI TMIEM IL-PERJODU TA' IMPLIMENTAZZJONI, IBBAŻATI FUQ IR-RAPPORT FINALI TAL-ISTATI MEMBRI | | | | | | | | |
| Ħaddiema megħjuna | 2.513 | 349 | 374 | 2.621 | 4.500 | 184 | 1.356 | 86 |
| % ta' ħaddiema fil-mira | 100% | 38% | 75% | 97% | 100% | 100% | 113% | 80% |
| Status tas-suq tax-xogħol tal-ħaddiema megħjuna mill-kontribuzzjoni tal-FEG * | | | | | | | | |
| Ħaddiema integrati mill-ġdid fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni | 1.518 | 137 | 315 | 788 | 3.444 | 121 | 1.047 | 68 |
| % ta' ħaddiema megħjuna minn | 60% | 39% | 84% | 30% | 77% | 66% | 77% | 79% |
| bħala ħaddiema dipendenti | 1.437 | 71 | 315 | 778 | 3.360 | 121 | 1.030 | 68 |
| bħala persuni li jaħdmu għal rashom | 81 | 66 | 0 | 10 | 84 | 0 | 17 | 0 |
| Ħaddiema fl-edukazzjoni/taħriġ | 0 | 2 | 30 | 35 | 61 | 1 | 55 | 0 |
| % tal-ħaddiema megħjuna | 0% | 1% | 8% | 1% | 1% | 1% | 4% | 0% |
| Ħaddiema qiegħda jew inattivi għal diversi raġunijiet ** | 698 | 210 | 29 | 1.798 | 995 | 62 | 254 | 16 |
| % tal-ħaddiema megħjuna | 28% | 60% | 8% | 69% | 22% | 34% | 19% | 19% |
| Status tal-ħaddiema mhux disponibbli | 297 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 |
| % tal-ħaddiema megħjuna | 12% | 0% | 0% | 0% | 0% | 0% | 0% | 2% |
| | 100% | 100% | 100% | 100% | 100% | 100% | 100% | 100% |
| NEETs fil-mira | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | 108 |
| NEETs megħjuna | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | 97 |
| % tal-NEETs fil-mira | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | 90% |
| Status tas-suq tax-xogħol tal-NEETs megħjuna mill-kontribuzzjoni tal-FEG * | | | | | | | | |
| NEETs impjegati fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-FEG | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | 29 |
| % tal-NEETs megħjuna minn | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | 30% |
| bħala ħaddiema dipendenti | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | 29 |
| bħala persuni li jaħdmu għal rashom | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | 0 |
| NEETs fl-edukazzjoni/taħriġ | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | 0 |
| % tal-NEETs megħjuna | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | 0% |
| NEETs qiegħda jew inattivi - diversi raġunijiet ** | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | 55 |
| % tal-NEETs megħjuna | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | 57% |
| Status tal-NEETs mhux disponibbli | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | 13 |
| % tal-NEETs megħjuna | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | 13% |

* L-istatus tas-suq tax-xogħol tal-benefiċjarji pprovdut f'din it-tabella jirrifletti bħala prinċipju s-sitwazzjoni fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni.

** inattiv ifisser li l-persuni ma jkunux għadhom disponibbli għas-suq tax-xogħol minħabba raġunijiet personali differenti, pereżempju rtirar.

| Referenza tal-FEG | EGF/2015/007 | EGF/2015/009 | EGF/2015/010 | EGF/2015/011 | EGF/2015/012 | EGF/2016/001 | EGF/2016/002 | Total |
|---|-----------------------|-----------------|-------------------|---------------------|--------------------------------------|--------------|--|---------------------|
| Każ | Hainaut-Namur Glass | Volvo Trucks | MoryGlobal | Supermarket Larissa | Hainaut Machinery | Microsoft | Ericsson | 23 Rapport Finali |
| Stat Membru | BE | SE | FR | EL | BE | FI | SE | minn 8 Stati Membri |
| Settur (denominazzjoni qasira) | Manifattura tal-Ħġieġ | Awtomobilistiku | Trasport bit-triq | Nezozju bl-innut | Manifattura tal-makkinarju u tagħmir | Ipprogrammar | Manifattura ta' prodotti tal-kompjuter, elettroniċi u ottiċi | |
| Data tal-applikazzjoni | 19-08-2015 | 16-09-2015 | 19-11-2015 | 26-11-2015 | 17-12-2015 | 11-03-2016 | 31-03-2016 | |
| Ħaddiema ssensjati | 412 | 647 | 2.132 | 557 | 488 | 2.161 | 1.556 | 29.401 |
| Ħaddiema fil-mira | 412 | 500 | 2.132 | 557 | 488 | 1.441 | 918 | 23.970 |
| Data tal-bidu tal-miżuri | 10-09-2014 | 09-01-2015 | 19-11-2015 | 29-06-2017 | 01-01-2015 | 11-09-2015 | 31-03-2016 | |
| Data tat-tmiem tal-miżuri | 19-08-2017 | 23-11-2017 | 19-11-2017 | 26-02-2018 | 17-12-2017 | 11-03-2018 | 31-03-2018 | |
| Skadenza għar-Rapport Finali | 19-02-2018 | 16-03-2018 | 19-05-2018 | 26-08-2018 | 17-06-2018 | 11-09-2018 | 30-09-2018 | |
| Data attwali tas-sottomissjoni tar-Rapport Finali | 19-02-2018 | 03-04-2018 | 17-05-2018 | 24-08-2018 | 15-06-2018 | 10-09-2018 | 26-09-2018 | |
| Il-każ għe stralċat qabel 31/12/2018? | YES | NO | NO | NO | YES | NO | NO | |
| RIŻULTATI FI TMIEM IL-PERJODU TA' IMPLIMENTAZZJONI, IBBAZZATI FUQ IR-RAPPORT FINALI TAL-ISTATI MEMBRI | | | | | | | | |
| Ħaddiema megħjuna | 342 | 450 | 2.132 | 497 | 355 | 1.629 | 224 | 21.244 |
| % tal-ħaddiema megħjuna | 83% | 90% | 100% | 89% | 73% | 113% | 24% | 89% |
| Status tas-suq tax-xogħol tal-ħaddiema megħjuna mill-kontribuzzjoni tal-FEG * | | | | | | | | |
| Ħaddiema integrati mill-għdid fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni | 144 | 380 | 1.380 | 239 | 146 | 1.302 | 155 | 12.723 |
| % tal-ħaddiema megħjuna minn | 42% | 84% | 65% | 48% | 41% | 80% | 69% | 60% |
| bħala ħaddiema dipendenti | 135 | 374 | 1.334 | 215 | 138 | 1.290 | 147 | 12.289 |
| bħala persuni li jaħdmu għal rashom | 9 | 6 | 46 | 24 | 8 | 12 | 8 | 434 |
| Ħaddiema fl-edukazzjoni/taħriġ | 4 | 32 | 0 | 0 | 0 | 101 | 30 | 419 |
| % tal-ħaddiema megħjuna | 1% | 7% | 0% | 0% | 0% | 6% | 13% | 2% |
| Ħaddiema qiegħda jew inattivi għal diversi raġunijiet ** | 189 | 38 | 454 | 257 | 161 | 226 | 39 | 7.411 |
| % tal-ħaddiema megħjuna | 55% | 8% | 21% | 52% | 45% | 14% | 17% | 35% |
| Status tal-ħaddiema mhux disponibbli | 5 | 0 | 298 | 1 | 48 | 0 | 0 | 691 |
| % tal-ħaddiema megħjuna | 1% | 0% | 14% | 0% | 14% | 0% | 0% | 3% |
| | 100% | 100% | 100% | 100% | 100% | 100% | 100% | 100% |
| NEETs fil-mira | 100 | N/A | N/A | 543 | 300 | N/A | N/A | 2.301 |
| NEETs megħjuna | 49 | N/A | N/A | 482 | 116 | N/A | N/A | 1.786 |
| % tal-NEETs fil-mira | 49% | N/A | N/A | 89% | 39% | N/A | N/A | 78% |
| Status tas-suq tax-xogħol tal-NEETs megħjuna mill-kontribuzzjoni tal-FEG * | | | | | | | | |
| NEETs impjegati fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-FEG | 13 | N/A | N/A | 99 | 15 | N/A | N/A | 288 |
| % tal-NEETs megħjuna minn | 27% | N/A | N/A | 21% | 13% | N/A | N/A | 16% |
| bħala ħaddiema dipendenti | 13 | N/A | N/A | 88 | 15 | N/A | N/A | 272 |
| bħala persuni li jaħdmu għal rashom | 0 | N/A | N/A | 11 | 0 | N/A | N/A | 16 |
| NEETs f'edukazzjoni/taħriġ | 0 | N/A | N/A | 0 | 0 | N/A | N/A | 11 |
| % tal-NEETs megħjuna | 0% | N/A | N/A | 0% | 0% | N/A | N/A | 1% |
| NEETs qiegħda jew inattivi - diversi raġunijiet ** | 36 | N/A | N/A | 325 | 101 | N/A | N/A | 1.393 |
| % tal-NEETs megħjuna | 73% | N/A | N/A | 67% | 87% | N/A | N/A | 78% |
| Status tal-NEETs mhux disponibbli | 0 | N/A | N/A | 58 | 0 | N/A | N/A | 94 |
| % tal-NEETs megħjuna | 0% | N/A | N/A | 12% | 0% | N/A | N/A | 5% |

* L-istatus tas-suq tax-xogħol tal-benefiċjarji pprovdut f'din it-tabella jirrifletti bħala prinċipju s-sitwazzjoni fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni.

** inattiv f'isser li l-persuni ma jkunux għadhom disponibbli għas-suq tax-xogħol minħabba raġunijiet personali differenti, pereżempju ritrar.

2.4.1. Sommarju tar-riżultati rrappurtati fl-2017 u l-2018

Fl-2017 u l-2018, il-Kummissjoni rċeviet 23 rapport finali għal każijiet kofinanzjati mill-FEG li ġew implimentati minn tmien Stati Membri minn Novembru 2013 sa Marzu 2018 (ara t-Tabella 4). Dawn ir-rapporti wrew li 12 723 ħaddiem (60 % tal-ħaddiema meġhuna) u 288 NEET, b'hekk 56 % tat-23 030 benefiċjarju tal-FEG, sabu impjegi ġodda sa tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-FEG (12 561 bħala impjegati, 450 bħala ħaddiema għal rashom). Madwar 2 % tal-benefiċjarji kienu għadhom qegħdin jirċievu xi edukazzjoni jew taħriġ, 38 % kienu qiegħda jew inattivi minħabba diversi raġunijiet, u għal 3 % l-istatus tal-impjieg ma kienx disponibbli.

21 mit-23 każ li tressqu r-rapporti finali għalihom fil-perjodu ta' referenza, ġew soġġetti għall-*evalwazzjoni ta' nofs it-terminu* u ġew analizzati fil-fażi bikrija tal-implimentazzjoni¹⁰.

Ir-rapporti finali tal-Istati Membri kkonfermaw li l-FEG iżid valur ma' x'setgħu nkella jagħmlu l-Istati Membri biex jgħinu lill-benefiċjarji fil-mira jsibu impjegi ġodda u biex jippożizzjonaw ruħhom mill-ġdid fis-suq tax-xogħol. Il-FEG jippermetti lill-Istati Membri jżidu n-numru, il-varjetà u l-intensità tas-servizzi offruti għal aktar benefiċjarji fil-mira u għal perjodu taż-żmien itwal milli dak li kien ikun possibbli mingħajr il-finanzjament mill-FEG.

2.4.2. Rata ta' riintegrazzjoni għal benefiċjarji meġhuna għal kull Stat Membru


Abbażi tar-rapporti finali li waslu fl-2017 u l-2018, ir-rati ta' riintegrazzjoni għal benefiċjarji meġhuna għal kull Stat Membru jvarjaw minn 79 % (fl-Iżvezja) sa 28 % (fil-Greċja).

Ir-riżultati f'termini ta' riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol huma influwenzati mill-kapaċitajiet tal-assorbiment tas-swieq tax-xogħol lokali u reġjonali wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja globali. Għalhekk, ir-rata ta' riintegrazzjoni tista' tvarja konsiderevolment skont is-settur ekonomiku u l-qasam ikkonċernat. Barra minn hekk, ir-rata tar-riintegrazzjoni tiġi rreġistrata fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni u konsegwentement tipprovi ritratt istantanju tas-sitwazzjoni tal-impjieg tal-benefiċjarji fil-mument li fih inġabret id-data. Skont l-informazzjoni li waslet minn diversi Stati Membri, ir-rati tar-riintegrazzjoni għandhom it-tendenza jiżdiedu fix-xhur ta' wara t-tmiem tal-miżuri u jkomplu jiżdiedu fuq perjodu ta' żmien medju.

Il-kapaċità istituzzjonali tal-Istati Membri u l-esperjenza fl-għoti ta' assistenza f'avvenimenti ta' ristrutturar hija kruċjali biex il-FEG ikompli jikseb suċċess. Fattur ieħor kruċjali huwa l-punt kemm il-benefiċjarji jew ir-rappreżentanti tagħhom huma involuti mill-bidu nett fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-assistenza mill-FEG. Huwa tajjeb li ninnotaw li l-ħaddiema appoġġjati minn miżuri tal-FEG normalment ikunu fost dawk li jiffaċċjaw l-akbar diffikultajiet fis-suq tax-xogħol. Għalhekk ir-rata medja ta' 60 % ta' ħaddiema meġhuna integrati mill-ġdid fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni, meta mqabbel ma' 47 % fil-perjodu ta' rappurtar preċedenti, huwa riziultati inkoraġġanti. Madankollu, għandu jiġi rikonoxxut li t-titjib globali tas-sitwazzjoni ekonomika fl-Istati Membri jiffaċilita r-riintegrazzjoni tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol.

¹⁰ Ara t-taqsima 2.7.4 dwar l-*evalwazzjoni ta' nofs it-terminu* tal-2014-2020.

Ċart 8: Rata ta' riintegrazzjoni għal benefiċjarji megħjuna skont l-Istat Membru



In-numru ta' każijiet tal-FEG huwa speċifikat fil-parentesi

2.4.3. Valutazzjoni kwalitattiva tar-Rapporti Finali mressqa fl-2017 u l-2018

Il-pakketti ta' appoġġ ipprovduti lill-benefiċjarji fil-mira mit-tmien Stati Membri jinkludu varjetà wiesgħa ta' tfittix personalizzat ta' impjieg, u miżuri ta' rikollokament u ta' kwalifika (mill-ġdid). L-akbar ammonti ntefqu fuq tliet kategoriji:

- **Assistenza individwali għal tfittix ta' impjieg, ġestjoni tal-każijiet u servizzi ta' informazzjoni ġenerali** EUR 30,9 miljun (44 % tas-servizzi personalizzati kollha)
- **Taħriġ u taħriġ mill-ġdid:** EUR 26,3 miljun (38 % tas-servizzi personalizzati kollha)
- **Benefiċċji waqt it-tfittix ta' xogħol¹¹:** EUR 4,4 miljun (6 % tas-servizzi personalizzati kollha)

Il-programmi ta' kwalifika u taħriġ kienu mfassla apposta għall-ħtiġijiet u x-xewqat tal-benefiċjarji fil-mira filwaqt li qiesu kemm jista' jkun ir-rekwiżiti tas-swieq tax-xogħol lokali jew reġjonali u s-setturi li potenzjalment joħlqu x-xogħol.

L-assistenza tal-FEG tgħin lill-benefiċjarji (ħaddiema ssensjati jew NEETs) jibnu l-kunfidenza tagħhom, mhux biss permezz ta' konsulenza ta' gwida intensiva, iżda wkoll permezz ta' miżuri ta' taħriġ imfassla apposta. Il-FEG spiss jippermetti wkoll li l-benefiċjarji jieħdu sehem f'dawn il-miżuri

¹¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 illimita l-benefiċċji għal massimu ta' 35 % tal-ispiża kollha tas-servizzi personalizzati.

billi joffrilhom assistenza bħall-benefiċċji tal-mobbiltà jew billi jappoġġja l-għoti tas-servizzi tal-kura tat-tfal.

F'termini ta' effettività u effiċjenza operattiva, il-każijiet tal-FEG fil-Finlandja (Rauma, Broadcom, Computer programming, Microsoft) jistgħu jitqiesu bħala eżempji ta' suċċess kbir u tal-aħjar Prattika. Fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni, sa 84 % tal-ħaddiema sabu impjieg mill-ġdid. In-numru ta' ħaddiema meġġuna kien saħansitra oġhla minn dak immirat fl-applikazzjonijiet. Ir-rata ta' assorbiment¹² ukoll kienet pjuttost għolja: intużaw madwar 80 % tal-fondi tal-FEG. Elementi ewlenin li kellhom rwol importanti biex jipprovdi riżultati daqshekk tajbin jinkludu: 1) konsultazzjoni wiesgħa għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-FEG, inklużi rappreżentanti tal-ħaddiema ssensjati, it-trejdjunjins, l-impjegaturi, l-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali u l-gvern lokali; 2) netwerk reġjonali b'esperjenza ta' uffiċċji tax-xogħol u uffiċċji tal-iżvilupp reġjonali li, flimkien mal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Impjieg, huwa effiċjenti ħafna fl-identifikazzjoni tal-benefiċjarji, l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-FEG; 3) fornituri tas-servizz esperjenzati fil-FEG; 4) reazzjoni mgħaġġla ħafna għas-sensji.

Iż-żewġ każijiet Irlandiżi (Lufthansa Technik, PWA International) jistgħu jitqiesu eżempji ta' suċċess u tal-aħjar Prattika. Fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni 73% u 79% tal-ħaddiema assistiti (rispettivament) sabu impjieg filwaqt li sena wara iktar minn dawn reġġu ġew impjegati u b'riżultat ta' dan, ir-rata ta' riintegrazzjoni telgħet għal 83%. Ir-rata ta' assorbiment kienet għolja: 71 % fl-ewwel każ u 100 % fit-tieni. Xi wħud mir-raġunijiet ewlenin biex inkisbu riżultati daqshekk tajbin kienu: 1) bidu kmieni tal-implimentazzjoni tal-miżuri b'finanzjament nazzjonali stess, qabel il-mobilizzazzjoni tal-fondi tal-Unjoni; 2) miżuri mfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-ħaddiema ssensjati, imfassla wara kwestjonarju u sħarriġ tal-preferenzi tal-ħaddiema; 3) l-istabbiliment ta' unità ta' koordinazzjoni tal-FEG nazzjonali, f'lokalità qrib il-ħaddiema ssensjati sabiex ikunu jistgħu jibnu relazzjoni; 4) flessibbiltà fl-għażla ta' programmi ta' taħriġ, tal-edukazzjoni tat-tieni u t-tielet livell imfassla speċifikament.

Franza pprovdiet eżempju ta' komplementarjetà meta, wara l-intervent tal-FEG, l-awtoritajiet nazzjonali ddeċidew li jtawlu l-appoġġ lill-eks ħaddiema ta' MoryGlobal li kienu għadhom qiegħda għal 12-il xahar ieħor.

In-netwerk mibni mill-istituzzjonijiet Taljani u s-sħab soċjali, il-korpi ta' implimentazzjoni u ċ-ċentri tal-impjieg fl-okkażjoni tal-każ Alitalia aktarx ser ikompli jiġi żviluppat biex jindirizza avvenimenti ta' ristrutturar futuri.

Il-każ Volvo Trucks fl-Iżvezja huwa eżempju ta' Prattika tajba tal-FEG li jappoġġja lill-ħaddiema ssensjati kollha, inklużi ħaddiema temporanji li kienu jkunu barra mill-programmazzjoni nazzjonali. Ir-reazzjoni malajr u fil-ħin għas-sensji kienet prijorità ewlenija u rriżultat f'rata ta' riintegrazzjoni għolja (84 %). Id-diversi partijiet ikkonċernati kkollaboraw tajjeb. Kien hemm komplementarjetà ċara mal-miżuri tas-suq tax-xogħol nazzjonali u l-FSE. L-Iżvezja allokat mill-ġdid il-baġit bejn il-miżuri biex tadatta għall-ħtiġijiet dejjem jinbidlu waqt il-perjodu ta' implimentazzjoni li ottimizza l-użu tal-fondi disponibbli.

¹² Ir-rata ta' assorbiment hija l-perċentwal tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FEG li ntefget mill-Istat Membru fil-perjodu ta' 24 xahar speċifikat fl-applikazzjoni.

Il-każ Ford Genk fil-Belġju huwa eżempju tal-intervent tal-FEG bħala parti minn qafas tal-politika usa' mmirat biex jimminimizza l-konsegwenzi ta' sensji kollettivi f'reġjun. Tħejja pjan ta' azzjoni strateġika għar-reġjun ta' Limburg imsejjaħ "SALK" (Strategisch Actieplan voor Limburg in het Kwadraat) wara l-għeluq tal-impjant ta' Ford. Il-FEG indirizza l-konsegwenzi fuq perjodu qasir (l-impatt tal-impjeg) tal-konsegwenzi varji ta' dan l-avveniment. L-azzjonijiet fit-tul li jiffukaw fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet għat-ktabbir ekonomiku ġew appoġġjati mill-finanzjament nazzjonali. It-tagħlim miksub minn dan l-approċċ komprensiv qed jiġi kondiviż ma' reġjuni oħrajn fil-Belġju li wkoll qed jinteressawhom pakketti ta' appoġġ simili li jinkludu kollox.

Il-każijiet tal-FEG fil-Ġermanja appoġġjaw l-innovazzjoni fil-qasam tal-involviment tal-impjegaturi. L-għoti ta' servizzi dedikati (persuni li jfittxu xogħlijiet għal ħaddieħor) lill-impjegaturi ġie ssimplifikat fl-appoġġ tal-FEG. Dawn is-servizzi kienu effiċjenti ħafna meta jiġu mfittxija postijiet battala u biex titnaqqas konsiderevolment l-ispiża għal kull benefiċjarju fil-każ Aleo Solar tal-FEG. Fil-każ Adam Opel, avvenimenti ta' "speed dating", li b'mod informali, ilaqqgħu lil persuni li qed ifittxu xogħol mal-impjegaturi li għandhom pożizzjonijiet miftuħa tqiesu li kellhom suċċess kbir u ma kinux ikunu disponibbli permezz ta' mekkaniżmi ta' finanzjament nazzjonali.

Fil-każijiet implimentati fil-Belġju (Hainaut Namur Glass, Hainaut Machinery), il-Greċja (Sprider Stores, Odyssefs Fokas, Supermarket Larissa) u l-Irlanda (Lufthansa Technik, PWA International), żgħażagħ li jinsabu barra mill-impjeg, edukazzjoni jew taħriġ ingħataw prijorità biex jipparteċipaw fil-miżuri tal-FEG flimkien mal-ħaddiema ssensjati. L-evidenza turi li, speċjalment fl-Irlanda u fil-Greċja, l-għajnuna offruta ntlagħhet ħafna miż-żgħażagħ fil-mira u pprovditilhom assistenza li kieku ma kinux jirċievu permezz ta' servizzi simplifikati nazzjonali. Madankollu waħda mill-isfidi ewlenin fl-għoti ta' appoġġ lill-NEETs kienet li jiġu involuti u attivati permezz ta' attivitajiet differenti ta' sensibilizzazzjoni, li ħadu ħin u riżorsi konsiderevoli.

2.5. Eżekuzzjoni finanzjarja

2.5.1. Fondi kontribwiti mill-FEG

Fl-2017 u l-2018, l-Awtorità Baġitarja approvat 15-il kontribuzzjoni mill-FEG b'ammont totali ta' EUR 45 467 387¹³ (ara t-Tabella 2), li minnu EUR 17 778 774 ġew mobilizzati fl-2017 u EUR 27 688 613 fl-2018.

Għall-perjodu tal-2014-2020, il-limitu finanzjarju annwali massimu għall-FEG huwa ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011)¹⁴. Dan ifisser li saru disponibbli għall-FEG approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 168 924 000 fl-2017 u EUR 172 302 000 fl-2018.

F'termini ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, ġie kkreditat ammont totali ta' EUR 45 467 387 lil-linja baġitarja tal-FEG fl-2017 u l-2018. Il-pagamenti ta' qabel il-finanzjament¹⁵ kienu jammontaw għal EUR 17 778 774 fl-2017 u għal EUR 27 688 613 fl-2018.

¹³Dan l-ammont ma jinkludix deċizzjonijiet ta' assistenza teknika fl-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea.

¹⁴L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020

2.5.2. Nefqa fuq l-assistenza teknika

Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, sa 0.5 % tar-riżorsi finanzjarji tal-FEG disponibbli għas-sena (EUR 844 622 fl-2017 u EUR 861 514 fl-2018) jistgħu jintużaw għal assistenza teknika fl-inizjattiva tal-Kummissjoni. Dan l-ammont għandu jintuża biex jiġu ffinanzjati attivitajiet meħtieġa biex jiġi implimentat ir-regolament, bħal tħejjija, monitoraġġ, għbir tad-data, ħolqien ta' bażi ta' għarfien, appoġġ amministrattiv u tekniku, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, kif ukoll awditu, kontroll u evalwazzjoni.

L-Awtorità Baġitarja għamlet disponibbli EUR 310 000 u EUR 345 000 għall-2017 u l-2018 rispettivament għal assistenza teknika biex jiffinanzjaw l-attivitajiet imsemmija hawn fuq.

Tabella 5.1: Nefqa fuq l-assistenza teknika fl-2017

| Deskrizzjoni | Numru (stima) | Spiża għal kull element (skont il-baġit) | Spiża Totali (skont il-baġit) | Impenji (attwali) | Kumment |
|---|---------------|--|-------------------------------|-------------------|---|
| Monitoraġġ u għbir ta' data | Varji | Varji | € 20.000 | € 0 | Ma kien meħtieġ l-ebda monitoraġġ u għbir ta' data mill-Kummissjoni |
| Attivitajiet ta' informazzjoni (eż. aġġornament tas-sit web tal-FEG bil-lingwi kollha tal-UE, pubblikazzjonijiet, attivitajiet awdjoviżivi) | Varji | Varji | € 20.000 | € 0 | Ix-xogħol sar mill-Kummissjoni |
| Ħolqien ta' bażi ta' għarfien / interfaċċa tal-applikazzjoni | Varji | Varji | € 80.000 | € 78.277 | Integrazzjoni tal-FEG fis-Sistema Komuni tal-Ġestjoni Kondiviża tal-Fondi (SFC2014) |
| Appoġġ amministrattiv u tekniku: Laqgħat tal-Grupp ta' Esperti ta' Persuni ta' Kuntatt tal-FEG | 2 | € 35.000 | € 70.000 | € 193.321 | Żewġ laqgħat flimkien ma' seminar l-għada, li l-ewwel waħda saret f'Ottubru 2017 u t-tieni waħda f'Marzu 2018 |
| Appoġġ amministrattiv u tekniku: Seminars ta' netwerking dwar l-implimentazzjoni tal-FEG | 2 | € 60.000 | € 120.000 | | |
| Spejjeż Totali | | | € 310.000 | € 271.598 | |

Tabella 5.2: Nefqa fuq l-assistenza teknika fl-2018

¹⁵Il-kontribuzzjoni tal-FEG titħallas lill-Istat Membru f'pagament wieħed bħala prefinanzjament ta' 100 % fi żmien 15-il jum mill-approvazzjoni mill-Awtorità Baġitarja tad-deċiżjoni tal-mobilizzazzjoni tal-FEG.

| Deskrizzjoni | Numru (stima) | Spiża għal kull element (skont il-baġit) | Spiża Totali (skont il-baġit) | Impenji (attwali) | Kumment |
|---|---------------|--|-------------------------------|-------------------|---|
| Monitoraġġ u ġbir ta' <i>data</i> | Varji | Varji | € 20.000 | 0 | Ma kien meħtieġ l-ebda monitoraġġ u ġbir ta' <i>data</i> mill-Kummissjoni |
| Attivitajiet ta' informazzjoni (eż. aġġornament tas-sit web tal-FEG bil-lingwi kollha tal-UE, pubblikazzjonijiet, attivitajiet audiovizivi) | Varji | Varji | € 20.000 | 0 | Ix-xogħol sar mill-Kummissjoni |
| Hokjen ta' bażi ta' għarfen / interfaċċa tal-applikazzjoni | Varji | Varji | € 80.000 | € 79.968 | Integrazzjoni tal-FEG fis-Sistema Komuni tal-Ġestjoni Kondiviża tal-Fondi (SFC2014) |
| Appoġġ amministrattiv u tekniku: Laqgħat tal-Grupp ta' Esperti ta' Persuni ta' Kuntatt tal-FEG | 3 | € 35.000 | € 105.000 | € 135.648 | Żewġ laqgħat flimkien ma' seminar l-għada, li l-ewwel waħda saret f'Ottubru 2017 u t-tieni waħda f'Marzu 2018. Laqgħa addizzjonali tal-Persuni ta' Kuntatt organizzata f'Janar 2018 |
| Appoġġ amministrattiv u tekniku: Seminars ta' networking dwar l-implimentazzjoni tal-FEG | 2 | € 60.000 | € 120.000 | | |
| Spejjeż Totali | | | € 345.000 | € 215.616 | |

2.5.3. Irregolaritajiet irrappurtati

Fl-2017 u l-2018 ma ġiet irrappurtata l-ebda irregolarità lill-Kummissjoni, la skont ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹⁶ u lanqas skont ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

2.5.4. L-istralċ tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-FEG

Il-proċeduri għall-istralċ ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-FEG huma stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. 29 każ, li kienu implimentati bejn l-2011 u l-2018, ġew stralċati fl-2017 u l-2018. Id-dettalji tal-każijiet huma stabbiliti fit-Tabella 6.

Każ tal-FEG jiġi stralċat meta r-rapport finali bl-informazzjoni kollha meħtieġa jkun intbagħat lill-Kummissjoni, ikunu tħallsu r-rimborżi pendenti kollha u ma jkun meħtieġ li tittieħed l-ebda azzjoni ulterjuri mill-Istat Membru jew mill-Kummissjoni, ħlief l-obbligu li jinżammu disponibbli d-dokumenti ta' sostenn kollha għall-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri għal tliet snin (l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013).

Ir-rata medja tal-assorbiment¹⁷ tal-każijiet li ġew stralċati kienet ta' 68.2 %, u varjat bejn 1.66 %¹⁸ u 100 %. L-ammont totali ta' fondi li ma ntefqux u li ngħataw lura lill-Kummissjoni kien ta' EUR 36 671 426, li jirrappreżenta 31.8 % tal-kontribuzzjonijiet mill-FEG mogħtija għal dawn id-29 każ. Din ir-rata ta' rkupru hija żvilupp pożittiv meta mqabbla mas-sejbiet tal-evalwazzjoni ex-post tal-FEG 2007-2013¹⁹, li wriet li bħala medja 45 % tal-fondi allokati, ma kinux qed jintefqu mill-Istati Membri.

¹⁶13-il każ li ġew stralċati fl-2017 u l-2018 tressqu skont ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

¹⁷Ara d-definizzjoni fin-nota 12 f'qiegħ il-paġna

¹⁸Fil-każ Alitalia numru ta' ħaddiema rrifutaw milli jipparteċipaw fl-appoġġ attiv ta' tftitix ta' xogħol, l-aktar peress li diġà kienu sabu impjeg. Għal żewġ miżuri, il-korpi ta' implimentazzjoni ma talbux appoġġ tal-FEG għas-servizz ipprovdut.

¹⁹Disponibbli fuq: <https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/8c4ba2de-ce2f-11e5-a4b5-01aa75ed71a1/language-en>

Hemm bosta raġunijiet għaliex l-Istati Membri ma użawx l-ammonti sħaħ li jkunu ngħataw lhom. Filwaqt li l-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu stimi baġitarji realistiki għall-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati, jista' jkun hemm nuqqas ta' ppjanar preċiż u informat. Dawn għandhom ukoll it-tendenza li jinkludu marġni tas-sigurtà għoli fil-kalkoli inizjali tagħhom. Hemm tendenza li n-numru ta' ħaddiema li xtaqu jipparteċipaw fil-miżuri proposti jkun stmat b'mod eċċessiv fil-fażi tal-ippjanar. Xi ħaddiema għażlu miżuri li jiswew inqas minflok dawk li kienu iktar għoljin jew miżuri fil-qosor minflok oħrajn fit-tul, jew forsi sabu xogħlijiet ġodda qabel dak li kien stmat fil-bidu. Raġunijiet oħrajn għall-infiq baxx setgħu kienu dewmien fil-bidu tal-miżuri u nuqqas ta' użu suffiċjenti tal-flessibbiltà disponibbli għall-allokazzjoni mill-ġdid ta' fondi bejn elementi tal-baġit matul l-implimentazzjoni tal-pakkett ta' servizzi personalizzati.

Il-Kummissjoni tkompli toffri gwida lill-Istati Membri biex iħeġġu ġestjoni ottimali tal-fondi u jtejbu r-rata ta' implimentazzjoni, sa mill-istadju tal-applikazzjoni.

Matul il-perjodu ta' 24 xahar, l-ibbaġitjar tal-miżuri u t-tbassir dwar il-parteeċipazzjoni tal-ħaddiema mistennija jitjiebu bl-esperjenza. Il-Kummissjoni qiegħda tara wkoll titjib fil-ħin tal-wasla tal-finanzjament mill-FEG fiż-żona milquta, fil-kapaċitajiet tad-diversi strutturi ta' koordinazzjoni u ta' implimentazzjoni u fil-kwalità tal-komunikazzjoni bejn il-livelli nazzjonali u l-livelli reġjonali/lokali. L-Istati Membri qegħdin jagħmlu użu aħjar mill-possibbiltà li jirrevedu l-baġits tagħhom u qed jallokaw mill-ġdid in-nefqa bejn il-bosta miżuri u/jew nefqa ta' implimentazzjoni.

Tabella 6: Każijiet li ġew stralċati fl-2017 u l-2018

| Referenza tal-FEG | EGF/2011/001 | EGF/2011/010 | EGF/2011/011 | EGF/2012/002 | EGF/2013/001 | EGF/2013/003 | EGF/2013/004 | EGF/2013/007 | EGF/2013/008 | EGF/2013/010 |
|---|----------------------------|-----------------|--|----------------------|---------------|---------------|---|----------------|-------------------------------|------------------------------------|
| Każ | Nieder- and Oberösterreich | Austria Tabak | Soziale Dienstleistungen | Manroland | Nokia | First Solar | Comunidad Valenciana materiales de construcción | Hainaut Steel | Comunidad Valenciana textiles | Castilla y León doors |
| Stat Membru | AT | AT | AT | DE | FI | DE | ES | BE | ES | ES |
| Settur (denominazzjoni qasira) | Trasport bit-triq | Prodotti tabakk | Attivitajiet ta' xogħol soċjali (mobbli) | Makkinarju u Tagħmir | Mowbajls | Moduli solari | Materjal tal-bini | Metalli bażiċi | Tessuti | Xogħol tal-mastrudaxxa u tal-injam |
| Data tal-applikazzjoni | 03-01-2011 | 20-12-2011 | 21-12-2011 | 04-05-2012 | 01-02-2013 | 12-04-2013 | 22-05-2013 | 27-09-2013 | 08-10-2013 | 05-12-2013 |
| Persuni ssensjati | 2.338 | 320 | 1.050 | 2.284 | 4.509 | 1.244 | 630 | 708 | 560 | 587 |
| Persuni fil-mira (inkl. NEETs) | 502 | 270 | 350 | 2.103 | 3.719 | 875 | 300 | 701 | 300 | 587 |
| Skadenza għar-Rapport Finali | 01-08-2013 | 20-06-2014 | 21-06-2014 | 04-11-2014 | 01-08-2015 | 12-10-2015 | 22-02-2016 | 27-03-2016 | 01-07-2016 | 01-08-2016 |
| Data attwali tas-Sottomissjoni tar-Rapport Finali | 04-07-2013 | 18-06-2014 | 18-06-2014 | 04-11-2014 | 27-07-2015 | 12-10-2015 | 19-02-2016 | 22-03-2016 | 01-07-2016 | 27-07-2016 |
| Itra tad-data tal-istratġ mibgħuta (data Ares) | 28-09-2018 | 28-09-2018 | 28-09-2018 | 24-08-2017 | 06-07-2017 | 28-09-2018 | 02-05-2017 | 05-05-2017 | 22-06-2017 | 07-04-2017 |
| Benefiċjarji megħjuna (ħaddiema u NEETs) | 134 | 193 | 225 | 1.945 | 3.701 | 839 | 332 | 594 | 299 | 360 |
| Data tal-bidu tal-miżuri | 01-02-2011 | 15-11-2011 | 01-10-2011 | 01-02-2012 | 01-08-2012 | 13-08-2012 | 17-10-2013 | 01-06-2013 | 01-01-2014 | 08-04-2014 |
| Data tat-tmiem tal-miżuri | 01-02-2013 | 20-12-2013 | 21-12-2013 | 03-05-2014 | 01-02-2015 | 13-08-2014 | 22-08-2015 | 31-05-2015 | 01-01-2016 | 01-02-2016 |
| Konsum tal-baġit attwali fir-rigward tal-baġit s tmat fil-bidu (l-ammonti kollha f'€) | | | | | | | | | | |
| Baġit s tmat fil-bidu (Attivitajiet ta' implimentazzjoni u servizzi personalizzati) | 5.605.800,00 | 6.064.615,00 | 8.001.000,00 | 10.705.888,86 | 19.620.000,00 | 4.610.715,00 | 1.680.000,00 | 1.963.912,00 | 1.680.000,00 | 1.400.000,00 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG mogħtija | 3.643.770,00 | 3.941.999,00 | 5.200.650,00 | 5.352.944,00 | 9.810.000,00 | 2.305.357,00 | 840.000,00 | 981.956,00 | 840.000,00 | 700.000,00 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG mogħtija f' % (mill-baġit s tmat) | 65% | 65% | 65% | 50% | 50% | 50% | 50% | 50% | 50% | 50% |
| Nefqa attwali (Stat Membru u FEG) | 879.753,98 | 3.176.236,05 | 4.670.577,72 | 9.914.115,02 | 12.525.190,34 | 4.154.380,88 | 1.241.165,66 | 1.372.184,38 | 1.002.361,24 | 714.576,32 |
| Sehem tal-FEG tal-nefqa attwali eliġibbli totali | 571.840,08 | 2.064.553,43 | 3.035.875,51 | 4.957.057,51 | 6.262.595,17 | 2.077.190,44 | 620.582,83 | 686.092,19 | 501.180,62 | 357.288,16 |
| Sehem tal-FEG tal-nefqa attwali eliġibbli totali f' % (*) | 65% | 65% | 65% | 50% | 50% | 50% | 50% | 50% | 50% | 50% |
| Finanzjament mill-FEG minfuq f' % | 15,69% | 52,37% | 58,37% | 92,60% | 63,84% | 90,10% | 73,88% | 69,87% | 59,66% | 51,04% |
| Ammont tal-finanzjament mill-FEG mhux minfuq, rimborżat lill-KE | 3.071.929,92 | 1.877.445,57 | 2.164.774,49 | 395.886,49 | 3.547.404,83 | 228.166,56 | 219.417,17 | 295.863,81 | 338.819,38 | 342.711,84 |
| Rata ta' finanzjament mill-FEG mhux minfuq, rimborżat lill-KE f' % | 84,31% | 47,63% | 41,63% | 7,40% | 36,16% | 9,90% | 26,12% | 30,13% | 40,34% | 48,96% |
| | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% |

| Każ | Saint-Gobain Sekurit | Ford Genk | Air France | Nutriart | Aragon | Comunidad Valenciana metal | PSA | STX Rauma | Sprider Stores | Whirlpool |
|---|-------------------------|---------------------|----------------------|----------------------|--|----------------------------------|----------------------|---------------------|----------------------|---------------------|
| Stat Membru | BE | BE | FR | EL | ES | ES | FR | FI | EL | IT |
| Settur (denominazzjoni qasira) | Ħġieġ | Awtomobilistiku | Trasport bl-ajru | Prodotti moħmija | Attivitajiet ta' servizz tal-ikel u tax-xorb | Industrija tax-xogħol tal-metall | Awtomobilistiku | Bini ta' vapuri | Negozju bl-innut | Apparat domestiku |
| Data tal-applikazzjoni | 19-12-2013 | 23-12-2013 | 20-12-2013 | 05-02-2014 | 21-02-2014 | 25-03-2014 | 25-04-2014 | 27-05-2014 | 06-06-2014 | 18-06-2014 |
| Persuni ssensjati | 261 | 512 | 5.213 | 508 | 904 | 633 | 6.120 | 634 | 703 | 608 |
| Persuni fil-mira (inkl. NEETs) | 257 | 479 | 3.886 | 1.013 | 280 | 300 | 2.357 | 565 | 1.311 | 608 |
| Skadenza għar-Rapport Finali | 19-06-2016 | 23-06-2016 | 20-06-2016 | 30-10-2016 | 21-08-2016 | 20-12-2016 | 25-10-2016 | 27-11-2016 | 01-03-2017 | 18-12-2016 |
| Data attwali tas-Sottomissjoni tar-Rapport Finali | 17-06-2016 | 20-06-2016 | 20-06-2016 | 27-10-2016 | 03-08-2016 | 20-12-2016 | 25-10-2016 | 26-10-2017 | 01-03-2017 | 16-12-2016 |
| Ittra tad-data tal-istratġ mibgħuta (data Ares) | 10-05-2017 | 31-03-2017 | 20-12-2017 | 20-12-2017 | 31-07-2017 | 20-02-2018 | 01-06-2018 | 20-12-2017 | 20-12-2017 | 27-10-2017 |
| Benefiċjarji meġhuna (ħaddiema u NEETs) | 248 | 472 | 3.886 | 494 | 274 | 192 | 2.357 | 589 | 1.019 | 608 |
| Data tal-bidu tal-miżuri | 16-09-2013 | 01-07-2013 | 06-11-2012 | 05-06-2015 | 03-03-2014 | 20-06-2014 | 01-05-2013 | 07-11-2013 | 01-05-2016 | 04-02-2014 |
| Data tat-tmiem tal-miżuri | 15-09-2015 | 17-12-2015 | 20-12-2015 | 30-04-2016 | 09-10-2015 | 20-06-2016 | 25-04-2016 | 27-05-2016 | 01-09-2016 | 18-06-2016 |
| Konsum tal-baġit attwali fir-rigward tal-baġit stmat fil-bidu (L-ammonti kollha f'€) | | | | | | | | | | |
| Baġit stmat fil-bidu (Attivitajiet ta' implimentazzjoni u servizzi personalizzati) | 2.679.857,00 | 1.141.890,00 | 51.875.626,00 | 10.160.000,00 | 1.600.000,00 | 1.698.640,00 | 21.174.342,00 | 2.378.000,00 | 12.151.500,00 | 3.150.000,00 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG mogħtija | 1.339.928,00 | 570.945,00 | 25.937.813,00 | 6.096.000,00 | 960.000,00 | 1.019.184,00 | 12.704.605,00 | 1.426.800,00 | 7.290.900,00 | 1.890.000,00 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG mogħtija f' % (mill-baġit stmat) | 50% | 50% | 50% | 60% | 60% | 60% | 60% | 60% | 60% | 60% |
| Nefqa attwali (Stat Membru u FEG) | 873.046,41 | 1.703.799,74 | 67.841.656,83 | 2.560.592,27 | 1.340.233,41 | 536.462,40 | 20.773.620,75 | 2.186.602,22 | 4.137.905,49 | 2.621.205,29 |
| Sehem tal-FEG tal-nefqa attwali eliġibbli totali | 436.523,20 | 570.945,00 | 25.937.813,00 | 1.536.355,36 | 804.140,04 | 321.877,44 | 12.464.172,45 | 1.311.961,27 | 2.486.974,99 | 1.572.723,17 |
| Sehem tal-FEG tal-nefqa attwali eliġibbli totali f' % (*) | 50% | 34% | 38% | 60% | 60% | 60% | 60% | 60% | 60% | 60% |
| Finanzjament mill-FEG minfuq f' % | 32,58% | 100,00% | 100,00% | 25,20% | 83,76% | 31,58% | 98,11% | 91,95% | 34,11% | 83,21% |
| Ammont tal-finanzjament mill-FEG mhux minfuq, rimborżat lill-KE | 903.404,80 | 0,00 | 0,00 | 4.559.644,64 | 155.859,96 | 697.306,56 | 240.432,55 | 114.838,73 | 4.803.925,01 | 317.276,83 |
| Rata ta' finanzjament mill-FEG mhux minfuq, rimborżat lill-KE f' % | 67,42% | 0,00% | 0,00% | 74,80% | 16,24% | 68,42% | 1,89% | 8,05% | 65,89% | 16,79% |
| | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% |

| Referenza tal-FEG | EGF/2014/011 | EGF/2014/012 | EGF/2014/013 | EGF/2014/018 | EGF/2015/001 | EGF/2015/004 | EGF/2015/005 | EGF/2015/007 | EGF/2015/012 | TOTAL |
|---|----------------------|----------------|------------------|---------------------|---------------------|------------------|-----------------------------|-----------------------|--------------------------------------|-----------------------------------|
| Każ | Caterpillar | ArcelorMittal | Odyssefs Fokas | Attica Broadcasting | Broadcom | Alitalia | Computer programming | Hainaut-Namur Glass | Hainaut Machinery | 29 każ stralċati fl-2017 u l-2018 |
| Stat Membru | BE | BE | EL | EL | FI | IT | FI | BE | BE | 8 Stati Membri |
| Settur (denominazzjoni qasira) | Makkinarju u Tagħmir | Metalli bażiċi | Negożju bl-innut | Xandir | Negożju bl-ingrossa | Trasport bl-ajru | Ipprogrammar tal-kompjuters | Manifattura tal-ħġieġ | Manifattura ta' makkinarju u tagħmir | |
| Data tal-applikazzjoni | 22-07-2014 | 22-07-2014 | 29-07-2014 | 04-09-2014 | 30-01-2015 | 24-03-2015 | 12-06-2015 | 19-08-2015 | 17-12-2015 | |
| Persuni ssensjati | 1.030 | 1.285 | 600 | 928 | 568 | 1.249 | 1.603 | 412 | 488 | 38.489 |
| Persuni fil-mira (inkl. NEEs) | 630 | 910 | 1.100 | 928 | 500 | 184 | 1.200 | 512 | 788 | 27.515 |
| Skadenza għar-Rapport Finali | 22-01-2017 | 22-01-2017 | 20-04-2017 | 28-05-2017 | 30-07-2017 | 01-10-2017 | 12-12-2017 | 19-02-2018 | 17-06-2018 | |
| Data attwali tas-Sottomissjoni tar-Rapport Finali | 20-01-2017 | 20-01-2017 | 20-04-2017 | 26-05-2017 | 08-11-2017 | 01-10-2017 | 12-12-2017 | 19-02-2018 | 15-06-2018 | |
| Ittra tad-data tal-istralċ mibgħuta (data Ares) | 01-06-2018 | 01-06-2018 | 05-11-2018 | 19-09-2018 | 08-03-2018 | 21-06-2018 | 01-06-2018 | 26-11-2018 | 05-12-2018 | |
| Benefiċjarji meħjuna (ħaddiema u NEEs) | 501 | 780 | 748 | 349 | 374 | 184 | 1.356 | 391 | 471 | 23.915 |
| Data tal-bidu tal-miżuri | 01-04-2014 | 01-01-2014 | 26-02-2016 | 05-02-2015 | 11-08-2014 | 02-06-2015 | 31-07-2014 | 11-06-2014 | 01-01-2015 | |
| Data tat-tmiem tal-miżuri | 22-11-2016 | 22-07-2016 | 20-10-2016 | 28-11-206 | 30-01-2017 | 31-03-2017 | 12-06-2017 | 19-02-2018 | 17-12-2017 | |
| Konsum tal-baġit attwali fir-rigward tal-baġit smat fil-bidu (l-ammonti kollha f'€) | | | | | | | | | | |
| Baġit smat fil-bidu (Attivitajiet ta' implimentazzjoni u servizzi personalizzati) | 2.038.090,00 | 2.764.478,00 | 10.740.000,00 | 8.410.000,00 | 2.275.000,00 | 2.358.080,00 | 4.372.000,00 | 1.825.907,00 | 3.040.069,00 | 207.165.409,86 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG mogħtija | 1.222.854,00 | 1.591.486,00 | 6.444.000,00 | 5.046.000,00 | 1.365.000,00 | 1.414.848,00 | 2.623.200,00 | 1.095.544,00 | 1.824.041,00 | 115.479.824,00 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG mogħtija f' % (mill-baġit smat) | 60% | 60% | 60% | 60% | 60% | 60% | 60% | 60% | 60% | |
| Nefqa attwali (Stat Membru u FEG) | 1.382.359,67 | 2.406.474,16 | 3.822.444,43 | 2.024.883,10 | 1.460.779,95 | 39.060,00 | 3.346.668,98 | 1.358.116,28 | 1.824.041,00 | 161.890.493,97 |
| Sehem tal-FEG tal-nefqa attwali eliġibbli totali | 829.415,80 | 1.443.884,49 | 2.293.466,65 | 1.214.929,86 | 876.467,97 | 23.436,00 | 2.008.001,39 | 814.869,76 | 726.183,99 | 78.808.397,77 |
| Sehem tal-FEG tal-nefqa attwali eliġibbli totali f' % (*) | 60% | 60% | 60% | 60% | 60% | 60% | 60% | 60% | 40% | 49% |
| Finanzjament mill-FEG minfuq f' % | 67,83% | 90,73% | 35,59% | 24,08% | 64,21% | 1,66% | 76,55% | 74,38% | 39,81% | 68,24% |
| Ammont tal-finanzjament mill-FEG mhux minfuq, rimborżat lill-KE | 393.438,20 | 147.601,51 | 4.150.533,35 | 3.831.070,14 | 488.532,03 | 1.391.412,00 | 615.198,61 | 280.674,24 | 1.097.857,01 | 36.671.426,23 |
| Rata ta' finanzjament mill-FEG mhux minfuq, rimborżat lill-KE f' % | 32,17% | 9,27% | 64,41% | 75,92% | 35,79% | 98,34% | 23,45% | 25,62% | 60,19% | 31,76% |
| | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% | 100,00% |

2.6. Attivitajiet ta' assistenza teknika mwettqa mill-Kummissjoni

2.6.1. Informazzjoni u pubbliċità: Is-sit tal-internet

L-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013 jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi, iżżomm u taġġorna sit web tal-internet, disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE, biex jipprovdi informazzjoni dwar il-FEG, gwida dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet kif ukoll informazzjoni aġġornata dwar applikazzjonijiet aċċettati u miċħuda, u r-rwol tal-Awtorità Baġitarja.

Is-sit tal-internet tal-Kummissjoni dwar il-FEG²⁰ ġie aġġornat regolarment bl-informazzjoni rilevanti fl-2017 u l-2018.

2.6.2. Laqgħat mal-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati tal-FEG

Id-19, l-20, il-21 u t-22 laqgħa tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG, li huma l-korrispondenti tal-Istati Membri għall-FEG, saru f'Marzu u f'Ottubru 2017 u f'Marzu u f'Ottubru 2018. Parti minn kull laqgħa ġiet iddedikata għall-applikazzjonijiet li għadhom għaddejjin u dawk ipplanati tal-FEG, għas-Sistema għall-Ġestjoni tal-Fondi fl-Unjoni Ewropea (SFC2014), għall-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEG 2014-2020, għall-kwistjonijiet legali u ta' awditjar, għar-Regolament Omnibus u għall-proposta tal-Kummissjoni għar-regolament ta' wara l-2020, kif ukoll firxa ta' kwistjonijiet rilevanti oħrajn.

Barra minn hekk, ġie organizzat Grupp ta' Ħidma ta' Persuni ta' Kuntatt tal-FEG straordinarju f'Jannar 2018 biex jiddiskuti x-xenarji possibbli għall-FEG wara l-2020.

Fl-2017 u l-2018 ġew organizzati erba' Seminars ta' Netwerking tal-FEG. Is-suġġetti kienu kif ġej:

- Ir-rwol u r-rappreżentazzjoni tal-benefiċjarji fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-każijiet tal-FEG.
- Il-FEG fil-Finlandja: L-għarfien espert li jappoġġja t-tkabbir tan-negozji.
- Is-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn il-FEG u fondi oħrajn tal-UE.
- Il-FEG kif jista' jaħdem fuq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali?

Barra minn hekk, is-seminars ġew ikkompletati bi żjarat fuq proġetti li taw l-opportunità li jsir skambju tal-esperjenza bejn il-pari u laqgħa mal-benefiċjarji. L-erba' laqgħat kollha kellhom attendenza sabiħa mir-rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-partijiet ikkonċernati u tal-korpi ta' implimentazzjoni tal-FEG.

2.6.3. Sistema ta' skambju elettroniku ta' data (SFC2014)

Fl-2014, il-Kummissjoni fittxet li tissimplifika aktar il-proċeduri billi tinkludi l-FEG fis-sistema ta' skambju elettroniku ta' data mal-Istati Membri, is-Sistema għall-Ġestjoni tal-Fondi fl-Unjoni Ewropea (SFC2014). Sa minn April 2015, l-Istati Membri jressqu applikazzjonijiet online tal-FEG permezz ta'

²⁰Disponibbli bl-24 lingwa tal-UE fuq: <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=326&langId=mt>

proċess ta' applikazzjoni ggwidata u sa minn Awwissu 2016 iressqu wkoll Rapport Finali tal-FEG permezz ta' SFC2014. L-użu tas-Sistema għall-Ġestjoni tal-Fondi fl-Unjoni Ewropea għall-FEG irriżulta f'aktar applikazzjonijiet korretti u kompleti li tressqu peress li l-pjattaforma tipprovdi l-opportunità lill-Istati Membri biex jikkondividu *data* mal-Kummissjoni qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjoni. Dan issimplifika l-ġbir u l-ipproċessar tad-*data* u ħaffef ir-rappurtar fuq ir-riżultati tal-FEG. L-applikazzjoni għal appoġġ tal-FEG permezz tas-Sistema għall-Ġestjoni tal-Fondi fl-Unjoni Ewropea kkontribwiet biex jitnaqqas iż-żmien bejn is-sottomissjoni ta' applikazzjoni minn Stat Membru u l-adozzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-proposta mressqa mill-Kummissjoni.

Titjib ulterjuri fis-Sistema għall-Ġestjoni tal-Fondi fl-Unjoni Ewropea fl-2017 u l-2018 inkluda l-ħażna tad-*data* kollha tal-FEG fi drive ċentrali, it-traduzzjoni tal-modulu tar-Rapport Finali tal-FEG fil-lingwi kollha uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, l-iżvilupp ta' modulu ta' rappurtar għall-istatus tal-impjeg 12-il xahar wara s-sottomissjoni tar-rapport finali u l-possibbiltà li l-Kummissjoni tiġġenera rapport bir-riżultati tal-impjeg permezz tal-għodda ta' rappurtar imsejħa LaunchPad.

2.6.4. Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEG²¹ 2014-2020

Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, il-Kummissjoni wettqet, fuq inizzjattiva proprja tagħha, evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEG. L-għan tal-evalwazzjoni huwa li tiskrutinizza l-effettività, is-sostenibbiltà, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tal-UE tal-FEG. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu hija ppreżentata fil-forma ta' Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni²² li huwa bbażat fuq studju ta' evalwazzjoni ta' kuntrattur estern²³ mwettaq fl-2016 u li ġie kopert mill-baġit tal-Assistenza Teknika. L-eżiti u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwaturi ġew ippreżentati lill-partijiet ikkonċernati tal-FEG waqt il-Laqgħa tal-Persuni ta' Kuntatt f'Tallinn fid-19 ta' Ottubru 2017. Ir-rapport finali jiddeskrivi varjetà ta' informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva.

Ir-riżultati ewlenin tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu nġabru fil-qosor fir-rapport tal-Kummissjoni²⁴ u mdaħħla fil-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ppubblikat fit-30 ta' Mejju 2018²⁵.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni kkonkludiet li l-FEG ħoloq valur miżjud tal-UE veru billi żied in-numru u l-varjetà ta' servizzi offruti lil ħaddiema ssensjati, u anke l-livell ta' intensità tagħhom. L-assistenza offruta għenet biex ittejjeb il-kunfidenza tal-benefiċjarji, li mbagħad ħadu approċċ aktar proattiv fit-tfittix ta' xogħol. Il-FEG wera li kien effettiv ukoll. Meta mqabbel mal-perjodu ta' finanzjament preċedenti, ir-rata ta' riintegrazzjoni tal-ħaddiema ssensjati fis-suq tax-xogħol tjebet minn 49 % sa 56 %.

²¹L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tkopri 29 applikazzjoni ffinanzjati f'10 pajjiżi li ġew irċevuti fl-2014 u fl-2015.

²²SWD(2018) 192 disponibbli fuq : <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?qid=1562591970533&uri=CELEX:52018SC0192>

²³ Disponibbli fuq: <https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/57273012-b7cb-11e8-99ee-01aa75ed71a1/language-en>

²⁴COM(2018) 297 disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52018DC0297&qid=1538573624938&from=MT>

²⁵ COM(2018) 380 final disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2018%3A380%3AFIN>

Skont l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, huwa meħtieġ aktar titjib fir-rigward tat-tul tal-proċess tat-teħid ta' deċizzjonijiet, u d-dokumentazzjoni li jeħtieġ tiġi sottomessa flimkien ma' applikazzjoni. It-termini "globalizzazzjoni" u "kriżi ekonomika" mhumiex definiti b'mod ċar, u l-Istati Membri mhumiex ċerti kif jissostanzjaw applikazzjoni. Bħala konsegwenza tal-mod kif il-globalizzazzjoni qed tevolvi, li tagħmilha diffiċli biex wieħed jasal għal fattur speċifiku wieħed li wassal għal avveniment ta' ristrutturar, l-evalwazzjoni tiddubita jekk il-mobilizzazzjoni tal-assistenza tal-FEG għandhiex tiddependi fuq il-kawża tas-sensji. Meta jiġi kkunsidrat li bosta impjiegi jintilfu minħabba fatturi oħra bħal bidla teknoloġika li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni, tidher ukoll li tkun aktar inklussiva.

3. Żvilupp tal-politika tal-FEG

3.1. Emenda tar-Regolament (UE) 1309/2013 bħala parti mir-Regolament (UE) 2018/1046²⁶

Bħala parti minn emenda usa' tar-regoli finanzjarji tal-UE, ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/EU u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-FEG (UE) 1309/2013 ukoll ġew riveduti.

Ir-Regolament oriġinali tal-FEG ippreveda deroga biex jiġu appoġġjati l-NEETs sal-aħħar tal-2017. Ir-Regolament emendat tal-FEG²⁷ ikompli bl-assistenza għall-NEETs sal-aħħar tal-2020, f'reġjuni fejn ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ hija ta' aktar minn 20 %. Dan jipprovdi wkoll għal appoġġ estiż għal reġjuni milquta minn numru kbir ta' sensji u fejn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju huma t-tip ewlieni jew l-uniku tip ta' negozju.

3.2. Proposta leġiżlattiva tal-FEG wara l-2020²⁸

Abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEG, il-Kummissjoni, wara valutazzjoni tal-impatt, ressqet proposta leġiżlattiva għall-FEG għal wara l-2020²⁹. Il-Kummissjoni wettqet din il-valutazzjoni tal-impatt li tinkludi l-fondi kollha rilevanti fil-qasam tal-impjeg u l-affarijiet soċjali. Dawn il-fondi li huma importanti fl-għoti tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-prijoritajiet soċjali u tal-impjeg approvati mill-proċess ta' governanza ekonomika Ewropew:

- ✓ il-Fond Soċjali Ewropew (l-FSE);
- ✓ Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ (il-YEI);
- ✓ il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (il-FEAD);
- ✓ il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG);
- ✓ il-Programm tas-Saħħa tal-UE; u
- ✓ il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (l-EaSI).

²⁶Disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32018R1046>

²⁷Ara n-nota 25 f'qiegħ il-paġna, l-Art. 274 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046

²⁸Ara n-nota 24 f'qiegħ il-paġna

²⁹SWD(2018) 289 disponibbli fuq: <https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/10102/2018/EN/SWD-2018-289-F1-EN-MAIN-PART-1.PDF>

Peress li l-fondi jikkomplementaw lil xulxin fil-kontribut għall-istess objettiv tal-politika, il-valutazzjoni tal-impatt kopriethom b'mod konġunt jew skont il-proprietajiet speċifiċi tagħhom, kif xieraq.

Il-valutazzjoni tal-impatt studjat l-għażla li l-FEG jitwawhhad mal-fondi l-oħra iżda sabiex tinżamm il-viżibbiltà tal-fond, l-istudju ssuġġerixxa li l-FEG jinżamm bħala fond separat.

Il-Kummissjoni kkunsidrat l-eżiti ewlenin tal-valutazzjoni tal-impatt fil-proposta tagħha għal Regolament wara l-2020.

Minħabba li l-iskop ewlieni tal-FEG huwa li jipprovdi b'mod rapidu appoġġ finanzjarju f'sitwazzjonijiet ta' urġenza u f'ċirkostanzi mhux previsti speċifiċi, il-Kummissjoni tipproponi li żżomm il-fond bħala strument flessibbli u speċjali barra l-limiti baġitarji tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Għalhekk il-FEG m'għandux baġit annwali, li huwa mistenni li jintefaq, iżda finanzjament sa limitu annwali massimu li jista' jiġi mmobilizzat jekk meħtieġ. Il-Kummissjoni pproponiet li l-ammont massimu li jista' jintuża mill-FEG għall-perjodu tal-2021-2027 huwa ta' EUR 1.578 biljun (fi prezzijiet attwali) b'medja ta' EUR 225 miljun (fi prezzijiet attwali) fis-sena.

Il-proposta tal-Kummissjoni fiha ammont massimu disponibbli għall-FEG għall-perjodu 2021-2027. Madankollu, il-Kummissjoni tissuġġerixxi regolament tal-FEG miftuħ, mhux limitat għad-durata tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Dan ser jissimplifika l-proċess leġiżlattiv u jippermetti flessibbiltà biex jintlaħaq qbil dwar l-ammont massimu għall-perjodu ta' programmazzjoni futur skont il-ħtiġijiet tal-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol li jinbidlu l-ħin kollu.

Sabiex jiġi żgurat li l-FEG jibqa' adattat biex jirrispondi għall-bidliet fis-suq tax-xogħol u l-isfidi ekonomiċi, il-Kummissjoni tipproponi t-titjib li ġej:

- Firxa usa' - il-ħaddiema spostati minħabba avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, ikkawżati mhux biss minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni jew kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, iżda wkoll mit-tranżizzjoni għal ekonomija baxxa fl-emissjonijiet tal-karbonju, diġitalizzazzjoni jew awtomatizzazzjoni.
- Tnaqqis tal-livell limitu ta' ħaddiema ssensjati (minn 500 għal 250) - li jirrifletti aħjar id-daqs medju tan-negozji tal-lum fejn f'bosta Stati Membri l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema huma impjegati minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Is-sensja ta' 250 ħaddiem tħalli impatt konsiderevoli fuq is-suq tax-xogħol fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni.
- L-allinjament tar-rata ta' kofinanzjament mill-FEG (li bħalissa huwa ta' 60 %) bl-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-FSE+ għall-Istat Membru partikolari ser iħeġġeġ lill-pajjiżi japplikaw għal finanzjament bl-aktar mod effiċjenti.
- Proċess ta' applikazzjoni u proċedura ta' mobilizzazzjoni aktar mgħaġġla - mistennija li jnaqqsu l-piż amministrattiv marbut ma' ġustifikazzjoni estensiva ta' applikazzjoni meħtieġa minn Stat Membru u proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet aktar mgħaġġel.

Sabiex tanalizza aħjar l-effettività tal-FEG, il-Kummissjoni tipproponi li testendi n-numru ta' output komuni u l-indikaturi tar-riżultati sabiex tiġbor *data* ta' monitoraġġ aktar iddettaljata, speċjalment fuq il-kategorija tal-ħaddiema (sfond professjonali u edukattiv), l-istatus tal-impjeg tagħhom u t-tip ta' impjeg li sabu.

